# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

Seduta tal-lum, il-Ħamis, 30 ta' Marzu 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 103/2002 BS**

**Marvic Spiteri f'ismu proprju u bħala mandatarju tal-imsiefer missieru Joseph Spiteri u b'verbal tal-4 ta' Frar 2003 Joseph Spiteri assuma l-atti tal-kawża f'ismu propju peress li rritorna mis-safar u b'digriet tal-24 ta' Frar 2021 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Marvic Spiteri stante l-mewt tal-attur Joseph Spiteri fil-mori tal-kawża**

**-vs-**

**John Attard, Rita mart l-istess John Attard u Giuseppe Farrugia u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2011 ġie kjamat fil-kawża Bernard sive Benny Attard u b'digriet tas-16 ta' Frar 2011 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Marija Attard stante l-mewt ta' Giuseppe Farrugia fil-mori tal-kawża u b'digriet ulterjuri tal-15 ta' Novembru 2013 Dr Angele Formosa ġiet nominata sabiex tirrappreżenta lill-konvenuta Marija Attard f'dawn il-proċeduri; u**

**b'digriet tat-12 ta' Awwissu 2016 il-ġudizzju tal-konvenut Benny Attard ġie trasfuż għal fuq l-Avukat Dottor Mario Scerri bħala eredi universali uniku tiegħu; u b'digriet tas-16 ta' Settembru 2016 il-ġudizzju tal-konvenut Benny Attard ġie trasfuż għal fuq l-Avukat Dottor Joseph Grech sabiex jirrappreżenta l-wirt battal tal-mejjet konvenut Bernard Attard; u b'digriet tat-28 ta' Lulju 2020, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Rita Attard stante l-mewt ta' John Attard fil-mori tal-kawża**

**Il-Qorti;**

## A. PRELIMINARI:

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

PERESS illi fl-għaxra (10) ta' Aw[w]issu 2001, Fortunata mart l-attur Joseph Spiteri u omm l-attur l-ieħor Marvic Spiteri, li kienet taħdem bħala Gwardjana Lokali bin-numru tlieta u sittin (62), waqt li kienet *"on duty"* fi Triq ir-Rabat, [l-]Għarb, Għawdex sfat maqtula mill-konvenuti flimkien ma' persuni oħra, billi l-istess konvenuti dolożament bil-ħsieb li joqtluha ikkaġunawlha [sic] l-mewt billi tawha diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (stallet) fil-partijiet vitali ta' ġisimha b'mod li ferewha gravament u ħallewha moribonda fi Triq ir-Rabat, l-Għarb Għawdex u mietet ftit ta' ħin wara li ddaħ[ħ]let l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, kif jidher fuq Dokument "B" hawn anness;

PERESS illi għal[l-]istess mewt volontarju jaħtu l-istess konvenuti li għandhom jwieġbu [sic] solidalment bejniethom għad-danni kollha ikkaġunati [sic] lill-attur

[1] Rik. Ġur. a fol. 1 sa 5, b'dokumenti a fol. 6 sa 8.

proprio et nomine bħala l-uniki eredi tal-mejta Fortunata Spiteri;

PERESS illi l-konvenuta Rita Attard tiġi mart il-konvenut Joseph Attard u kienet taf b'dak kollhu [sic] li kien ippjanat li sejjer isir u li fil-fatt twettaq fl-għaxra (10) ta' Aw[w]issu 2002[2] u għaldaqstant hija wkoll responsabbli għad-danni flimkien mal-konvenuti l-oħra kollha.

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti tiddikjara illi:**

1) L-istess konvenuti jew min minnhom huma responsabbli għal omiċidju volontarju u għal mewt konsegwenzjali tal-istess Fortunata Spiteri u dana talli fl-għaxra (10) ta' Aw[w]issu 2001 għall-habta tal-9.45 ta' fi[l]-għaxija [sic] fi Triq ir-Rabat, l-Għarb, Għawdex, flimkien ma' persuni oħra, dolożament bil-ħsieb li joqtluha ikkaġunawlha [sic] l-mewt billi tawha diversi daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (stallet) fil-partijiet vitali ta' ġisimha b'mod li ferewha gravament u ħallewha moribonda fi Triq ir-Rabat, l-Għarb Għawdex u mietet ftit ta' ħin wara li ddaħ[ħ]let l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u għaldaqstant tiddikjar[a]hom, għalhekk, responsabbli "in solidum" bejniethom għad-danni kollha sofferti u li qiegħdin [sic] issofru l-istess atturi minħabba l-mewt tal-istess Fortunata Spiteri, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalità ta' lukrum cessans u telf ta' qliegħ [sic];

2) Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-istess atturi minħabba l-mewt tal-istess Fortunata Spiteri, u dana,

---

[2] Żball tal-pinna—id-data hija konfermata preċedentement fl-ewwel premessa u ulterjorment fl-ewwel talba bħala l-10 ta' Awwissu, 2001. Id-data tal-mewt tal-kompjanta Fortunata Spiteri hija wkoll ikkonfermata bħala l-10 ta' Awwissu, 2001 biċ-ċertifikat tal-mewt tagħha, in atti a fol. 8.

okkorrendo, permezz ta' perit espert li jiġi nominat għal[l-]istess fini;

3) Tikkundannhom "in solidum" bejniethom li jħallsu lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru nru: 157/02PC fl-ismijiet *"Marvic Spiteri et vs John Attard et"* u tal-mandat ta' inibizzjoni nru: 53/2002 fl-istess ismijiet u ieħor ta' sekwestru ukoll fl-istess ismijiet bin-numru [omissis][3] u bl-inġunzjoni tal-istess konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa huma mħarrka.

Bl-imgħaxijiet ukoll skond [sic] il-liġi.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti John u Rita konjugi Attard[4] illi eċċepew:**

1. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt fil-konfront tal-eċċipjenti stante illi huma ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-allegat qtil ta' Fortunata Spiteri, kundannabbli kemm huwa kundannabli dan il-qtil;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk għall-grazzja tal-argument jirriżulta (ħaġa li q[i]egħda tiġi kontestata) illi l-konvenut John Attard kien involut b'xi mod kif qed jallega l-attur, hija ħaġa ċerta illi Rita Attard ma kienet [sic] involuta b'ebda mod u manjiera f'dak illi kien ippjanat u l-inklużjoni tagħha fost il-konvenuti hija [i]ntiża biss sabiex tissodisfa l-għatx għal vendetta u pika u vendikażżjoni ta' min qiegħed imexxi lill-attur minn wara l-kwinti;

---

[3] In-numru ta' dan il-mandat ma ġiex speċifikat fiċ-ċitazzjoni.
[4] Risposta ġuramentata a fol. 14 u 15.

3. ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, anke jekk għall-grazzja tal-argument jirriżulta (ħaġa li q[i]egħda tiġi kontestata) illi l-konvenuta Rita Attard setgħet b'xi mod kienet taf x'qed jippjana ħaddieħor, b'daqshekk biss hija ma tista' qatt tiġi ritenuta responsabbli ċivilment għad-danni pretiżi mill-attur proprio et nomine;

4. ILLI dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-ammont ta' danni illi qiegħed jirreklama l-attur—kif riżultanti mill-mandati ta' inibizzjoni u ta' sekwestru ġia [sic] preżentati minnu—huwa wieħed esaġerat u gonfjat għall-aħħar;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Giuseppe Farrugia[5] illi eċċepixxa:**

1. ILLI t-talbiet attriċi huma [i]nfondati fid-dritt u fil-fatt stante illi [l]-esponenti ma kellu xejn x'jaqsam mad-delitt in kwistjoni.

2. SALV eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti;**

**Rat** iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Fortunata Spiteri nee' Galea, mart li llum ukoll mejjet Joseph Spiteri, li mietet nhar l-10 ta' Awwissu, 2001 fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fir-Rabat, Għawdex;[6]

---

[5] Risposta ġuramentata a fol 18 u 19.
[6] Ċertifikat tal-mewt numru 177/2001 a fol. 8.

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Frar, 2003 l-attur Joseph Spiteri assuma l-atti tal-kawża f'ismu proprju flimkien ma' ibnu, l-attur l-ieħor Marvic Spiteri;[7]

**Rat** li b'rikors tal-attur Marvic Spiteri tad-29 ta' Diċembru, 2010 intalab il-kjamat fil-kawża ta' Bernard sive Benny Attard li b'sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija nhar is-6 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Bernard sive Benny Attard*—kawża nru. 18/2005—ġie dikjarat kolpevoli tal-omiċidju volontarju ta' Fortunata Spiteri;[8]

**Rat** li t-talba għall-kjamat fil-kawża ta' Bernard sive Benny Attard intlaqgħet fin-nuqqas ta' oppożizzjoni permezz ta' digriet tad-19 ta' Jannar, 2011;[9]

**Rat** li l-konvenut Giuseppe Farrugia miet fil-mori tal-kawża ossia, nhar il-25 ta' Frar, 2004, kif jirriżulta miċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu numru 101/2004 in atti;[10]

**Rat** li b'rikors tal-attur Marvic Spiteri tal-15 ta' Frar, 2011 il-Qorti ġiet mitluba tordna t-trasfużjoni tal-atti f'isem l-eredi universali ta' Giuseppe Farrugia, ossia Marija Attard, b'dan li jiġi maħtur kuratur deputat *ad litem* sabiex jirrappreżenta lill-istess Marija Attard fl-atti tal-proċeduri u dawk sussegwenti għalihom stante r-rikoveru ta' Marija Attard fil-*long stay ward* tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex;[11]

**Rat** li b'digriet tas-16 ta' Frar, 2011 il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li qisiet id-dokumenti relattivi, ordnat it-trasfużjoni tal-atti minn isem Giuseppe Farrugia għal isem Marija Attard b'dan li rriżervat dwar it-talba sabiex jiġi maħtur kuratur deputat *ad litem* sabiex jirrappreżenta lill-

---

[7] Verbal a fol. 23 wara nota tal-attur Joseph Spiteri a fol. 22.
[8] Rikors attur a fol. 44.
[9] Digriet a fol. 59.
[10] Ċertifikat tal-mewt a fol. 66.
[11] Rikors attur a fol. 62.

istess Marija Attard għal wara li l-istess Marija Attard tkun eżaminata opportunament;[12]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Marzu, 2011 il-Qorti kif diversament presjeduta appuntat lill-Avukat Dottor Joseph Grech bħala avukat tal-għajnuna legali għall-kjamat fil-kawża Benny Attard;[13]

**Rat** li fl-istess udjenza tat-23 ta' Marzu, 2011 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet talba attriċi b'dan li ordnat l-allegazzjoni ta' kopji uffiċjali tal-istqarrijiet rillaxxati mill-kjamat fil-kawża Benny Attard lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet dwar il-qtil ta' Fortunata Spiteri;[14]

**Rat** li flimkien ma' ittra tas-7 ta' April, 2011 mibgħuta lil din il-Qorti mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ġew intromessi fl-atti ta' din il-kawża l-istqarrijiet imsemmija tal-kjamat fil-kawża Benny Attard meħuda mill-proċess *Repubblika ta' Malta vs John Attard;*[15]

**Rat** it-traskrizzjonijiet tal-istqarrijiet ġuramentati rilaxxati minn John Attard,[16] Giuseppe Farrugia[17] u Marija Attard[18] fil-proċess kriminali—inkluż waqt l-inkjesta—kif esibiti mis-Supretendent Antonello Grech fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru, 2011 kif ukoll l-okkorrenza dwar id-delitt ta' qtil

---

[12] Digriet a fol. 79. Għall-għan tal-eżami ta' Marija Attard ġie maħtur il-Psikjatra Dr David Cassar. L-inkarigu tiegħu ġie revokat nhar it-30 ta' Novembru, 2012—verbal a fol. 562— u minfloku ġie maħtur il-Psikjatra Dr Joseph Spiteri. B'verbal tat-22 ta' Frar, 2013 ġie revokat ukoll l-inkarigu tal-Psikjatra Dr Joseph Spiteri u minfloku ġie mahtur il-Psikjatra Dr Jean-Pierre Giorgio—verbal a fol. 569.

[13] Verbal a fol. 96 u 97.

[14] Verbal a fol. 96 u 97.

[15] Ittra a fol. 98 u veri kopji fotostatiċi a fol. 99 sa 127.

[16] Traskrizzjoni a fol. 261 sa 507.

[17] Traskrizzjoni a fol. 508 sa 512.

[18] Traskrizzjoni a fol. 513 sa 514.

ta' Fortunata Spiteri esibita mix-xhud PS 1346 Anton Schembri fl-istess udjenza;[19] [20]

**Rat** in-nota tal-atturi tal-20 ta' April, 2012 li biha esibew kopji ta' żewġ sentenzi tal-qrati nostrani, dik tal-Qorti Kriminali ta' Malta numru 21/2003 fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs John Attard*—fejn l-istess John Attard insab ħati ta' kompliċità fl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri u ġie kkundannat għall-piena ta' priġunerija għall-għomru—u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali numru 18/2005 fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs Bernard sive Benny Attard*—fejn is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' Malta kontra l-istess Benny Attard għall-piena ta' tletin (30) sena prigġunerija għall-omiċidju volontarju ta' Fortunata Spiteri—piena mnaqqsa minn dik ta' għomor stante li Attard ammetta l-ħtija tiegħu qabel il-ħatra tal-ġuri u, bix-xhieda tiegħu, għen sabiex tiġi żvelata l-verità dwar id-delitt—ġiet ikkonfermata;[21]

**Rat** li fl-udjenza tal-20 ta' April, 2012 id-Deputat Reġistratur tal-Qrati u Tribunali esibixxa kopja tat-*tapes* tal-istqarrijiet rilaxxati minn John Attard fl-atti tal-inkjesta fl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri liema *tapes* ġew identifikati bħala dawk rilevanti;[22]

**Rat** li wara d-digriet tas-16 ta' Frar, 2011 b'liema ġiet ordnata t-trasfużjoni tal-atti minn isem Giuseppe Farrugia għal isem Marija Attard b'riżerva li jiġi maħtur kuratur deputat *ad litem* sabiex jirrappreżenta lill-istess Marija Attard wara li din tkun eżaminata opportunament, ġie esibit rapport psikjatriku mill-Psikjatra Dr Jean-Pierre Giorgio nhar id-19

---

[19] Okkorrenza a fol. 515 sa 519.

[20] Mit-traskrizzjonijiet ġew sintesizzati l-partijiet saljenti iżda t-traskrizzjonijiet jinsabu lkoll in atti fl-intier tagħhom.

[21] Nota a fol. 539, sentenza nru. 21/2003 a fol 540 sa 544, u sentenza nru. 18/2005 a fol. 545 sa 554.

[22] Verbal a fol. 556.

ta' April, 2013. Il-konklużjoni tar-rapport kienet li Marija Attard m'hijiex mentalment kapaċi ssegwi jew toqgħod f'ġudizzju;[23]

**Rat** li fl-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2013 il-Qorti in vista tal-konklużjonijiet tar-rapport psikjatriku dwar Marija Attard ħatret lill-Avukat Dottor Angele Formosa bħala kuratur *ad litem* għal Marija Attard;[24]

**Rat** in-nota tal-atturi tad-29 ta' Jannar, 2015 li biha ppreżentaw kopja awtentikata ta' dikjarazzjoni tad-dħul ta' Fortunata Spiteri għas-sena 2000 bid-dħul hemm dikjarat huwa ta' elfejn disa' mija u erbgħa u tmenin liri Maltin (Lm2,984), ekwiavlenti għal sitt elef disa' mija u tnejn u ħamsin ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€6,952.72);[25]

**Rat** li fl-udjenza tal-11 ta' Diċembru, 2015 l-atturi ddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa;[26]

**Rat** li fit-13 ta' Ottubru, 2015 miet il-kjamat fil-kawża Bernard sive Benny Attard b'dan li l-atturi talbu li l-atti jiġu trasfużi minn ismu għal isem l-eredi tiegħu, l-Avukat Dottor Mario Scerri;[27]

**Rat** li b'digriet tat-12 ta' Awwissu, 2016 il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li qisiet id-dokumenti mressqa fir-rigward, laqgħet it-talba attriċi għat-trasfużjoni tal-atti minn isem Bernard sive Benny Attard għal isem l-

[23] Rapport psikjatriku a fol. 573 sa 579.
[24] Verbal a fol. 581.
[25] Nota a fol. 598 u dikjarazzjoni a fol. 599.
[26] Verbal a fol. 636.
[27] Rikors tal-atturi a fol. 645, ċertifikat tal-mewt a fol. 647, riċerka testimentarja a fol. 648 sa 655, l-aħħar testment a fol. 656 u 657.

Avukat Dottor Mario Scerri bħala l-eredi universali u uniku tiegħu;[28]

**Rat** ir-rikors tal-Avukat Dottor Mario Scerri tat-13 ta' Settembru, 2016 li bih, wara li informa lill-Qorti li huwa debitament irrinuzja għall-wirt ta' Bernard sive Benny Attard, talab ir-revoka tad-digriet tat-12 ta' Awwissu, 2016 u l-ħatra ta' kuratur sabiex jirrappreżenta l-eredità ġjaċenti ta' Bernard sive Benny Attard;[29]

**Rat** id-digriet tas-16 ta' Settembru, 2016 li bih il-Qorti, in vista tar-rinunzja tal-wirt ta' Bernard sive Benny Attard mill-Avukat Dottor Mario Scerri, irrevokat id-digriet tagħha tat-12 ta' Awwissu, 2016 u nnominat lill-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur sabiex jirraprezenta l-eredità ġjaċenti ta' Bernard sive Benny Attard;[30]

**Rat** li fl-udjenza tal-14 ta' Ottubru, 2016 il-Qorti awtorizzat lill-Profs. Maria Therese Camilleri Podesta u lil Dr Bridgette Ellul sabiex jippreżentaw kopja maħlufa tar-rapport tal-awtopsja ta' Fortunata Spiteri;[31]

**Rat** il-kopja maħlufa tar-rapport tal-awtopsja ta' Fortunata Spiteri;[32]

**Rat** in-nota tal-atturi tat-23 ta' Mejju, 2019 li biha esibew kopja tad-deċizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali numru 21/2003 fl-ismijiet *Repubblika ta' Malta vs John Attard*. F'din id-deċiżjoni l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ippruvat lil hemm minn kull dubbju l-ħsieb komuni tal-persuni involuti fl-omicidju ta' Fortunata Spiteri. B'dan li qieset allura li l-ġurati kienu korretti meta għazlu li ma jemmnux

[28] Digriet a fol. 658.
[29] Rikors a fol. 659 b'dokumenti annessi a fol. 660 sa 661.
[30] Digriet a fol. 662.
[31] Verbal a fol. 671.
[32] Rapport a fol. 677 sa 685.

il-verżjoni tal-fatti mogħtija minn John Attard fl-isqarrijiet rilaxxati minnu lill-Pulizija u għaddiet għalhekk sabiex ikkonfermat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali fl-impożizzjoni ta' sentenza ta' priġunerija għal għomru kontra John Attard;[33]

**Rat** li fl-24 ta' Frar, 2020 miet il-konvenut John Attard b'dan li martu, il-konvenuta Rita Attard, talbet lill-Qorti sabiex l-atti jiġu trasfużi f'isimha bħala l-eredi tiegħu;[34]

**Rat** li b'digriet tat-28 ta' Lulju, 2020 il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li qieset id-dokumenti mressqa fir-rigward, laqgħet it-talba għat-trasfużjoni tal-atti minn isem John Attard għal isem Rita Attard bħala l-eredi universali u unika tiegħu;[35]

**Rat** li fid-19 ta' Diċembru, 2020 miet l-attur Joseph Spiteri b'dan li ibnu, l-attur l-ieħor Marvic Spiteri, talab lill-Qorti sabiex l-atti jiġu trasfużi f'ismu bħala l-eredi tiegħu;[36]

**Rat** li b'digriet tal-24 ta' Frar, 2021 il-Qorti kif diversament presjeduta, wara li qieset id-dokumenti mressqa fir-rigward, laqgħet it-talba għat-trasfużjoni tal-atti minn isem Joseph Spiteri għal isem Marvic Spiteri bħala l-eredi universali u uniku tiegħu;[37]

**Rat** ir-rikors tal-attur Marvic Spiteri tat-23 ta' Frar, 2021 b'talba sabiex il-Qorti tagħmel referenza Kostituzzjonali relattivament għall-provvediment mogħti bil-provviżjoni

---

[33] Nota a fol. 715 u sentenza a fol. 716 sa 749.
[34] Rikors għat-trasfużjoni a fol. 760, ċertifikat tal-mewt ta' John Attard a fol. 761, riċerka testamentarja a fol. 762 sa 777, l-aħħar testment a fol. 778 sa 779.
[35] Digriet a fol. 780.
[36] Rikors għat-trasfużjoni a fol. 783, ċertifikat tal-mewt ta' Joseph Spiteri a fol. 784, riċerka testamentarja a fol. 785 sa 788, l-aħħar testment a fol. 789.
[37] Digriet a fol. 790.

tal-Artikolu 1045 subinċiż 1 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.[38] Rat ir-risposti għall-istess rikors;[39]

**Rat** li b'digriet tagħha tas-17 ta' Marzu, 2021 il-Qorti ċaħdet it-talba attriċi kif kontenuta fir-rikors tat-23 ta' Frar, 2021;[40]

**Rat** in-nota b'varji dokumenti esibiti mill-konvenuta Rita Attard fil-5 ta' Lulju, 2021;[41]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Lulju, 2021 il-partijiet qablu li l-kawża tiġi differita għat-trattazzjoni finali;

**Rat** it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni finali li seħħet fl-udjenza ta' nhar it-13 ta' Mejju, 2022 fejn il-partijiet qablu wkoll li l-kawża tiġi ddefferita għal-lum għas-sentenza;

## B. Provi:

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Dr Patrick Sciberras**, tabib, xehed[42] li fl-10 ta' Awwissu, 2001 huwa kien xogħol fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fl-emerġenza. Iżid li Fortunata Spiteri kienet diġà mejta meta waslet l-isptar b'dan li mil-lat mediku kuranti ma seta' jagħmilha xejn.

Jgħid li huwa aċċerta ruħu li l-mewta ta' Fortunata Spiteri kienet waħda vjolenti malli ħallilha ċ-ċintorin u ħarġu

[38] Rikors a fol. 791 u 792.
[39] Risposta tal-konvenuta Rita Attard a fol. 795 u 796, risposta tal-attur a fol. 798 u 799, u kontroreplika tal-konvenuta Rita Attard a fol. 800 u 801.
[40] Digriet a fol. 802.
[41] Nota a fol. 806 u dokumenti a fol. 807 sa 965.
[42] Traskrizzjoni a fol. 81 sa 83.

msarinha. Iżid li l-vittma kienet liebsa d-diviża ta' gwardjana u kellha ċintorin oħxon.

Jgħid li hawnhekk huwa waqaf u ċempel l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex u informahom li dan kien omiċidju. Iżid li minn dan l-istadju huwa ħalla f'idejn il-pulizija.

Jgħid li għalkemm kien ċar li l-vittma kellha *stab wounds* linejari fil-qalżiet tad-diviża kaġunati b'daqqa ta' strument bil-ponta, huwa ma qgħadx ifittex fejn preċiżament kellha l-i*stab wounds* ladarba aċċerta ruħu li tagħha kienet mewta vjolenti għax dan kien xogħol ta' patalogu.

**Pierre Calleja, Assistent Kummissarju tal-Pulizija**, xehed[43] li huwa kien wieħed mill-uffiċjali inkarigati mill-investigazzjonijiet fil-mewt ta' Fortunata Spiteri flimkien ma' John Rizzi u Antonello Grech.

Jgħid li b'rabta mal-qtil ta' Spiteri kienu ġew arrestati Giuseppe Farrugia, Benny Attard u John Attard. Iżid li l-arresti seħħew madwar sena wara li kien seħħ il-qtil bl-arrestati tressqu l-Qorti fl-10 ta' Settembru, 2002 fejn ġew akkużati bil-qtil ta' Fortunata Spiteri.

Iżid li fil-mori tal-proċeduri miet Giuseppe Farrugia b'dan li l-proċeduri baqgħu għaddejjin fil-konfront ta' John Attard mentri Benny Attard kien reġa' ġie arrestat fl-2004 akkużat bl-istess omiċidju.

Jgħid li l-kawża ta' Benny Attard kienet ġiet deċiża qabel dik ta' John Attard meta dan ammetta l-involviment tiegħu

[43] Traskrizzjoni a fol. 84 sa 90.

quddiem ġuri u weħel tletin (30) sena priġunerija, sentenza li ġiet ikkonfermata wkoll fl-appell.

Jgħid li sussegwentement, John Attard instab ħati b'sentenza tad-19 ta' Novembru, 2010 mogħtija b'ġuri b'verdett ta' sebgħa bi tnejn fejn ingħata piena ta' għomor il-ħabs.

Iżid li l-istqarrijiet ta' Benny u John kienu ttieħdu permezz ta' *audio recordings* li jinsabu inseriti fl-atti proċesswali rispettivi tagħhom. Jispjega li fl-atti hemm ukoll traskrizzjonijiet tagħhom kif ordnati mill-Qorti fil-mori tal-kumpilazzjoni.

Rigward John Attard jgħid li, in suċċint, dan kien stqarr li huwa kien imġiegħel joqtol lil Fortunata Spiteri minn Benny Attard. Rigward Benny Attard jgħid li dan kien qal illi huwa kien ikkummissjonat minn John Attard b'wegħda ta' ħlas ta' korrispettiv għal qtil.

Rigward Giuseppe Farrugia jgħid li l-istqarrija tiegħu kienet ittieħdet bil-miktub b'dan li din ukoll tinsab inserita fl-atti proċesswali tiegħu. Jgħid li, in suċċint, dan kien stqarr illi Benny kien qallu li kien avviċinah John Attard sabiex joqtlu lil Spiteri. Iżid li dak iż-żmien Giuseppe Farrugia kien joqgħod ma' Benny Attard fix-Xagħra, Għawdex.

Jispjega li f'lejl ta' nhar il-festa ta' San Lawrenz fis-sena 2001, John Attard għadda għal Benny Attard, Marija oħt Benny, u Giuseppe Farrugia. Iżid li dawn saqu flimkien, fl-istess karozza, lejn l-Għarb fejn fit-triq tal-Għarb kif taqbeż ir-Rabat sabu lil Fortunata Spiteri li kienet *on duty*. Iżid li malli lemħu lil Spiteri waqfu u mill-karrozza niżlu John, Benny, u Giuseppe. Iżid li Spiteri għarfet lil Giuseppe b'dan reġa' lura lejn il-karrozza. Jgħid li Giuseppe stqarr li ra kemm lil Benny

u lil John jaggredixxu lil Spiteri b'xi stalletti. Iżid li skont Giuseppe, Benny kien liebes maskla mill-film *Scream*. Iżda li skont Benny il-maskla kien libisha John, mhux hu, għalkemm kienet tiegħu.

Jgħid li kienu nstabu xi ħwejjeġ fil-viċinanzi tar-residenza ta' Benny meta saret perkwizizzjoni mill-investigaturi fuq indikazzjoni ta' Giuseppe fejn dan kien qal li kienu ntremew xi ħwejjeġ hemm.

Jgħid li l-arma tad-delitt qatt ma nstabet għalkemm issemma li kienet stallett.

Jgħid li Giuseppe kien ċert li Benny kellu stallett iżda ma kienx ċert jekk John kellux stallett ukoll għalkemm rah jaggredixxi lil Spiteri. Jgħid li għalhekk huma qatt ma aċċertaw rwieħhom kemm kien hemm stalletti. Iżid iżda li mill-awtopsja rriżulta li Spiteri kienet mietet kawża ta' *multiple stab wounds* b'dan li l-qisien tal-feriti kienu jindikaw li ntuża aktar minn stallett wieħed.

Iżid li fl-istqarrijiet tiegħu John kien ta verżjonijiet kemxejn differenti minn ta' Giuseppe u ta' Benny. Jgħid li John qatt ma qal li kien hu li kkummisjona d-delitt iżda kien qal li kien Benny li ppressah biex joqtlu lil Spiteri. Iżid li John biddel il-verżjoni kemm-il darba b'dan li dejjem qagħad lura milli jgħid illi kien hu li kkummissjona d-delitt għalkemm ammetta li seħħ l-inċident u li kien mal-oħrajn fuq il-post waqt l-inċident.

Jgħid li l-investigaturi marru l-ewwel fuq Giuseppe u dan wara li ngħataw tagħrif kunfidenzjali. Iżid li Giuseppe kien għarrafhom li John qal li l-motiv tad-delitt kien li Spiteri

kienet imqabbda miegħu—ma' John—fuq xi xarabank u għalhekk ried jeliminaha.

**Benny Attard**, kjamat in kawża, in subizzjoni, xehed[44] li għal Spiteri marru bil-van ta' John fuq struzzjonijiet tal-istess John. Iżid li John kien irrabjat għal Spiteri għax waħħlitu ċitazzjoni tat-traffiku.

Jgħid li waqt ir-reat huwa ma kienx liebes maskla iżda kien John li libes il-maskla għalkemm din kienet tiegħu.

Jgħid li huwa ma messhiex lil Spiteri waqt ir-reat iżda kien John li taha bis-sikkina. Iżid li waqt l-aggressjoni ħdejn Spiteri kienu huwa u John biss b'Giuseppe u Marija baqgħu fil-van.

Jgħid li John wiegħdu ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) għall-qtil ta' Spiteri b'dan baqa' ma tahomlux.

Jerġa' jgħid li kien John li qatel lil Spiteri.

**Il-Qorti rat ukoll** l-istqarrijiet rillaxxati mill-kjamat fil-kawża Benny Attard lill-pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet dwar il-qtil ta' Fortunata Spiteri kif meħuda mill-proċess *Repubblika ta' Malta vs John Attard*.[45]

Mit-traskrizzjonijiet ta' dawn l-istqarrijiet jirriżulta li Benny Attard kien reġa' ġie arrestat fl-24 ta' Novembru, 2004 b'rabta ma' delitt li dwaru kien diġà ġie arrestat qabel. Id-delitt huwa l-qtil ta' Fortunata Spiteri li seħħ nhar l-10 ta' Awwissu, 2001. L-istqarrija ttieħdet fil-preżenza tal-

[44] Traskrizzjoni a fol. 91 sa 95.
[45] Ittra a fol. 98 u veri kopji fotostatiċi a fol. 99 sa 127.

Ispetturi Angelo Caruana u Antonello Grech u s-Supretendent Pierre Calleja.

Fit-traskrizzjonijiet, Benny Attard jispjega li xi tliet (3) ġimgħat qabel id-delitt kien iltaqa' ma' John Attard f'karozza tal-linja fil-venda tar-Rabat, Għawdex wara li John kien qallu li ried ikellmu. Jgħid li hawn John qallu sabiex joqtlu lil Fortunata Spiteri. Jgħid li John ried jagħmel dan għaliex skontu Spiteri kienet qabdet miegħu u kienet ittih ħafna ċitazzjonijiet fuq il-karozza tal-linja. Jiddikjara li huwa qabel li jagħmlu dan b'dan li ftiehmu kif u meta kellu jsir id-delitt.

Iżid li l-laqgħa fil-karozza tal-linja saret dakinhar stess li sar id-delitt fid-disgħa (9:00) ta' filghodu b'dan li ftiehmu li dakinhar stess, filgħaxija, imorru għal Fortunata. Jiddikjara li l-ftehim kien li Fortunata tinqatel b'stallett. Iżid li filgħaxija għadda għalih John stess b'karozza. Jiddikjara li fil-karozza kienu John, hu, oħtu – Marija, u Giuseppe. Jgħid li huwa kien rikeb quddiem u saq John, b'oħtu u Giuseppe kienu fuq wara.

Jispjega li mix-Xagħra telqu lejn l-Għarb u dan kien għad-disgħa ta' filgħaxija (09:00p.m). Jgħid li kienet il-festa ta' San Lawrenz u kien diġà dalam.

Jiddikjara li John kien jaf li Fortunata kienet fi Triq ir-Rabat b'dan li sabuha fil-kantuniera n-naħa tax-xellug u John niżel mill-karozza u beda jtiha bi stallett waqt li huwa kien iżommha.

Jiddikjara li mill-karozza niżlu John, Giuseppe u huwa, b'oħtu Marija baqgħet fil-karozza. Iżid li huwa żamm lil

Fortunata waqt li John kien itiha bl-istallett imbagħad ħarbu.

Iżid li Fortunata għarfet lil Giuseppe u kellmitu, qaltlu «int ukoll?».

Jiddikjara li John kellu wiċċu mgħammad b'maskla li l-pulizija sabu għandu peress li din kienet tiegħu u John tahielu lura wara d-delitt. Jgħid li huwa qatt ma libes il-maskla waqt id-delitt.

Jiddikjara li wara d-delitt John wassalhom ix-Xagħra u baqa' sejjer. Iżid li ma jafx x'sar mill-istallet iżda li safejn jaf hu żammu John.

Jiddikjara li għall-involviment tiegħu fil-każ John wegħdu ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) li qatt ma tah minkejja li talabhomlu.

Jiddikjara li l-ħwejjeġ li kien libes dakinhar tad-delitt tħammġu bid-demm u remihom.

**L-Avukat Dottor Angele Vella**, in rappreżentanza tad-Direttur għall-Gvern Lokali, xehdet[46] li Fortunata Spiteri kienet impjegata mas-soċjetà *The Guard and Warden Service House Limited* b'dan li d-Dipartiment rappreżentat minnha m'għandux informazzjoni dwarha.

**Carmel Curmi**, in rappreżentanza ta' *The Guard and Warden Service House Limited* xehed[47] li Fortunata Spiteri daħlet taħdem magħhom bħala gwardjan lokali fis-6 ta' Marzu,

[46] Traskrizzjoni a fol. 147 u 148.
[47] Traskrizzjoni a fol. 149 sa 150.

2000 u baqgħet magħhom sa ma nqatlet fl-10 ta' Awwissu, 2001.

Jgħid li hija bdiet taħdem Malta u ma jiftakarx eżattament meta ġiet trasferita lejn Għawdex.

Iżid li fil-bidu kellha paga ta' tlitt elef u ħames mitt lira Maltija (Lm3,500) fis-sena b'dan li fl-2001 kellha dħul ta' tlitt elef tmien mija u sitt liri Maltin (Lm3,806). Jippreżenta dokument—rendikont—li juri dan.[48]

Jgħid li d-dokument li ppreżenta juri d-dħul kollu perċepit minn Spiteri b'din ma setax ikollha dħul ieħor—bħal *overtime*—għax hi kienet taħdem fuq rotot.

**In kontroeżami** xehed[49] li Spiteri kienet impjegata b'kuntratt indefinit.

Jgħid illi kieku kienet għadha taħdem l-introjtu ta' Spiteri kien ser ikun ta' tnax-il elf ħames mitt ewro (€12,500) jekk wieħed iħares lejn l-abbozz tal-ftehim kollettiv tal-2002. Jesibixxi kopja tal-abboz tal-ftehim kollettiv.[50]

Iżid li l-ewwel abbozz ta' ftehim kollettiv kellu jkopri mis-sena 2002 sal-2004 iżda dan ma kienx ġie ffirmat u allura baqa' abbozz.[51] Jgħid li mbagħad kien sar ftehim kollettiv ieħor mill-2005 sal-2009[52] u ieħor mill-2011 sal-2016.[53]

**Mario Xuereb**, xehed[54] li hu kien għamel rapport dwar il-każ ta' Fortunata Spiteri. Jgħid li dak iż-żmien kien impjegat

[48] Rendikont a fol. 153.
[49] Traskrizzjoni a fol. 150 sa 152.
[50] Kopja tal-abbozz tal-ftehim kollettiv tal-2002 a fol. 154 sa 172.
[51] Kopja tal-abbozz tal-ftehim kollettiv tal-2002 a fol. 154 sa 172.
[52] Kopja tal-abbozz tal-ftehim kollettiv tal-2005 a fol. 173 sa 195.
[53] Kopja tal-abbozz tal-ftehim kollettiv tal-2011 a fol. 196 sa 225.
[54] Traskrizzjoni a fol. 226 sa 229.

mal-*Gozo Garage* u kien sejjer b'koppja turisti minn Ta' Ċenċ għall-Għarb u ra l-inċident.

Iżid li ma jiftakarx meta dan kien iżda jiftakar li kien hemm festa ta' raħal fil-viċin. Jgħid li l-ħin kien wara l-għaxra u nofs ta' billejl (10:30pm).

Jgħid li meta kien dieħel isuq l-Għarb, il-mara turista li kienet riekba miegħu staqsitu dwar dawl li rat u hu qalilha li kien minn ta' torċ.

Jgħid li l-lok tal-inċident kien kif wieħed jaqbeż il-*Wilderness* u qabel ma wieħed jilħaq is-siġra l-għolja li tagħti għal Ta' Pinu.

Jgħid li kif qorob aktar ra karrozza bajda maħbuta ġol-ħajt. Iżid li huwa ma waqafx iżda baqa' jsuq bil-mod. Jgħid li huwa talab lit-turista biex tibqa' kalma u qalilha li sejjer jagħmel rapport l-Għassa tal-Għarb peress li kien mingħajr mowbajl fuqu. Jgħid li meta mar l-Għassa tal-Għarb sabha magħluqa iżda nzerta sab lil ċertu Raymond li huwa infermier fis-sala tal-irġiel l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u talbu jibgħat għal ambulanza peress li kien hemm gwardjana maħbuta ġol-ħajt. Jispjega li lill-gwardjana Fortunata Spiteri kien raha u għaraf wiċċha. Jgħid li Raymond qallu li sejjer jieħu ħsieb hu u talbu jibqa' sejjer.

Iżid li wara tlitt (3) ijiem bagħat għalih is-Supretendent Antonello Grech.

**Is-Supretendent Antonello Grech** xehed[55] li huwa kien wieħed mill-investigaturi tal-omiċidju ta' Fortunata Spiteri. Spjega li fl-10 t'Awwissu, 2001 għall-ħabta tal-għaxra u

[55] Traskrizzjoni a fol. 244 sa 251.

kwart ta' billejl (10:15pm) ġie nfurmat li ġara xi inċident li fih sfat feruta l-gwardjana Fortunata Spiteri.

Iżid li huwa mar fuq il-post u hemmhekk sab karrozza tal-gwardjani lokali maħbuta ġol-bankina fuq il-lemin tat-triq meta wieħed dieħel l-Għarb bid-dawl għadu mixgħul. Jgħid li kien hemm xi dmija fuq is-*seat* tal-karozza kif ukoll torċ u *kusky* tal-gwardjani fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

Jgħid li fuq il-post kien hemm tnejn min-nies Maltin, Zerafa u Tabone li infurmawh li meta kienu deħlin l-Għarb raw il-karrozza tal-gwardjana miexja b'lura u taħbat mal-bankina, waqfu biex jaraw x'ġara, raw li kien hemm il-gwardjana li kellha xi demm u qed taqta' in-nifs, u ċemplu għall-ambulanza li ħaditha l-isptar.

Iżid li sadanittant huwa ta ordni sabiex tingħalaq it-triq u qabad ma' tal-isptar biex jara l-kundizzjonijiet u jipprova jara x'ġara. Jgħid li ftit tal-ħin wara ġie infurmat li Fortunata Spiteri kienet mietet iżda ma ngħatax ir-raġuni għall-mewt tagħha.

Jgħid li huwa bagħat lis-Surġent Schembri l-isptar b'dan infurmah li Spiteri kellha *stab wounds*. Iżid li minn hemm dan sar każ ta' omiċidju u għalhekk huwa informa lill-Maġistrat Inkwirenti kif ukoll lis-superjuri tiegħu u fuq il-post marru diversi fizzjali tal-korp fost tas-CID.

Jgħid li huwa beda l-investigazzjonijiet minn fejn irriżulta li l-gwardjana Fortunata Spiteri kellha tkun xogħol hemmhekk mid-disgħa (9:00) sal-għaxra u nofs (10:30) ta' filgħaxija. Iżid li huwa tkellem mar-raġel ta' Spiteri li infurmahom li kellha diversi inċidenti ma' nies fosthom John Attard b'dan li darba kellha xi tgħid miegħu x-Xlendi

minħabba li ma riedx jipparkja x-xarabank tiegħu kif suppost.

Iżid li ġew investigati diversi persuni fosthom John Attard.

Jgħid li f'Awwissu tal-2002 il-pulizija rċeviet informazzjoni kunfidenzjali li Benny Attard, mix-Xagħra, kien involut f'dan il-qtil.

Jgħid li f'Settembru bagħtu għal Giuseppe Farrugia minħabba li dan kien jgħix ma' Benny Attard u oħtu Marija dakinhar tal-inċident b'dan li sena wara ma kienx għadu joqgħod magħhom minħabba li Benny kien tah xebgħa u tefgħu l-isptar.

Iżid li fl-4 ta' Settembru kien tella' lil Giuseppe Farrugia għand il-Kummissarju John Rizzi fejn bdew ikellmuh għax ħasbu li kien seta' sema' xi ħaġa mingħand Benny. Jgħid li Farrugia infurmahom li jaf bil-qtil għax huwa kien preżenti waqt li dan kien iseħħ. Iżid li Farrugia kkonferma wkoll li Benny kien involut kif kien involut ukoll John Attard.

Jgħid li minn hemm l-investigazzjoni ħadet żvolta oħra b'Farrugia sar suspettat ukoll.

Iżid li Farrugia spjegalhom li Benny u John kienu ftiehmu minn ġranet qabel li ser joqtlu lil Fortunata Spiteri u ta' dan Benny kellu jitħallas ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) mingħand John.

Jgħid li Farrugia qalilhom ukoll li dakinhar tal-qtil, John mar għalihom b'karrozza bajda u saqhom lejn Ta' Pinu, li fil-karozza kien hemm John isuq, Benny, oħt Benny, Marija u huwa, u li malli raw lill-gwardjana niżlu mill-karrozza John, Benny u huwa b'dan li huwa—Farrugia—ħareġ mill-karrozza b'mus f'idu u kien diġà fetħu iżda l-gwardjana

qaltlu «Anke int, Ħaxxiex?» u hawn waqaf u ma resaqx lejha. Iżid li Farrugia qalilhom li Benny u John marru fuqha u jaf li Benny kellu stallett li kien taha bih u li wara kien rama fl-inħawi.

Iżid li l-għada, fil-5 ta' Settembru, filgħaxija, saret tfittxija fir-residenza ta' Benny Attard li ġie arrestat flimkien ma' oħtu Marija. Jgħid li f'din it-tfittxija kienet instabet maskla mill-film *Scream* li skont Farrugia kienet intlibset minn Benny waqt il-qtil. Iżid li wara li Marija għamlet stqarrija, din ġiet rikoverata fl-isptar Monte Carmeli fejn baqgħet.

Jgħid li Farrugia qalilhom ukoll li dakinhar tar-reat Benny kien liebes ġakketta ta' kulur ħadrani li wara kien xeħitha fil-ġardina ta' quddiem ir-residenza tiegħu fejn fil-fatt instabet wara tfittxija mill-pulizija.

Iżid li minn hawn il-pulizija baqgħu jinterrogaw lil Benny li ma kien ammetta xejn dwar l-omiċidju. Iżid li kien ukoll ġie arrestat mill-ġdid John Attard.

Jgħid li John ġie interrogat minnu, mill-Kummissarju Rizzo, u minn Pierre Calleja b'dan irrilaxxja stqarrija kemxejn differenti li fiha qal li huwa kien mar fuq il-post tad-delitt għax kien jibża' minn Benny u żied li kien Benny li ta bis-sikkina lill-gwardjana Fortunata Spiteri iżda hu ma messhiex.

Jgħid li f'Settembru 2002 Giuseppe Farrugia u John Attard tressqu l-Qorti akkużati bl-omiċidju. Iżid li fl-2004 daħlet informazzjoni lill-pulizija dwar Benny Attard li kien tkellem ma' xi nies rigward l-omiċidju u reġa' ġie arrestat.

Jgħid li Benny beda jiġi investigat minnu u mill-ispettur Anġlu Caruana fejn kien ammetta l-involviment tiegħu fil-qtil b'dan iżda li insista li kien John li ġagħlu jmur miegħu

u li huwa kulma għamel kien li żamm lil Spiteri waqt li John taha d-daqqiet tas-sikkina.

Jgħid li Farrugia miet fil-mori tal-proċeduri filwaqt li Benny u John għaddew ġuri u nstabu ħatja tal-qtil.

Jippreżenta traskrizzjoni tal-istqarrijiet ġuramentati magħmulha fuq l-*audio tapes* minn John Attard,[56] Giuseppe Farrugia[57] u Marija Attard.[58]

**In kontroeżami**[59] xehed li fid-darbtejn li ġie arrestat John Attard ittieħdet stqarrija. Iżid li l-istqarrijiet tal-akkużati ttieħdu mill-pulizija b'dan li ġew ikkonfermati quddiem il-Maġistrat Inkwirenti.

Jgħid li l-ewwel ko-akkużati kienu John Attard u Giuseppe Farrugia.

Jgħid li John Attard ġie investigat l-ewwel darba meta ssemma mir-raġel ta' Fortunata Spiteri bħala persuna li l-istess Fortunata kellha xi tgħid miegħu fix-Xlendi rigward l-ipparkjar tax-xarabank. Jgħid li lilu ma rriżultalux li Fortunata Spiteri kellha xi tilwima ma' Benny Attard u Giuseppe Farrugia. Iżid li l-mottiv tal-involviment ta' Benny u Giuseppe kien il-ħlas ta' korrispettiv b'Giuseppe kien jagħmel kif jgħidlu Benny għax kien anzjan jgħix magħhom—ma' Benny u oħtu Marija. Jgħid li xhur wara li nqatlet Fortunata Spiteri, Benny Attard kien ta' xebgħa lil Giuseppe Farrugia u tressaq il-Qorti. Iżid li skont Giuseppe, Benny tah xebgħa sabiex ma jikxifx il-każ tal-gwardjana.

Jgħid li l-ewwel stqarrija li kien ta John Attard ma kinitx inkriminanti iżda l-pulizija baqgħet tinvestiga. Iżid li sena

[56] Traskrizzjoni a fol. 261 sa 507.
[57] Traskrizzjoni a fol. 508 sa 512.
[58] Traskrizzjoni a fol. 513 sa 514.
[59] Traskrizzjoni a fol. 251 sa 256.

wara daħlet informazzjoni oħra dwar John b'dan li reġgħu ttieħdu stqarrijiet li eventwalment waslu sabiex John tressaq akkużat il-Qorti.

**PS 1346, Anton Schembri**, xehed[60] li dakinhar tal-10 ta' Awwissu, 2001, hu u PC 1005 Mario Cordina kienu deħlin bil-karrozza tas-servizz lejn l-Għarb sabiex jagħtu d-dwal *portable* lill-pulizija li kien qed jidderieġi t-traffiku fil-festa ta' San Lawrenz. Iżid li wara dan kienu neżlin lejn id-Dwejra u sema' lil PC 865 Joseph Attard isejjaħ għal tar-*rescue* u l-ambulanza fi Triq l-Għarb.

Iżid li qabel dan, waqt li kienu għadhom deħlin lejn l-Għarb u qabel ma wieħed jaqbad is-siġra lejn Ta' Pinu, huwa kien ra l-karrozza tal-gwardjani JET 060 ipparkjata fuq ix-xellug tat-triq u tħares lejn San Lawrenz. Iżid li maġenbha kien hemm wieqfa Fortuna Spiteri.

Jgħid li meta semgħu s-sejħa ta' PC 865, huwa u l-kollega tiegħu telqu minn niżla tad-Dwejra, daru lura, u waslu fuq il-post fi ftit minuti. Iżid li hemm ra l-istess karrozza li kien ra qabel—JET 060—fuq il-lemin tat-triq bid-dwal għadhom mixgħulin u l-magna mitfija. Iżid li fuq is-*seat* ta' quddiem kien hemm il-gwardjana Fortunata Spiteri mimduda ma tiċċaqlaqx.

Jgħid li fuq il-post kien hemm ukoll l-infermier Raymond Cini li kien qed jagħti is-CPR lill-gwardjana. Iżid li Fortunata Spiteri ttieħdet mill-ambulanza.

Jgħid li fuq il-post innota tiċpis ta' demm fuq il-bieba tal-lemin tal-karrozza u qtar tad-demm u biro fl-art in-naħa fejn qabel kien ra l-karrozza u lill-gwardjana ħajja. Iżid li pprova jieħu x-xhieda ta' nies li setgħu kienu fuq il-post dak il-ħin

[60] Traskrizzjoni a fol 257 sa 260.

b'dan li tkellem ma' ċerti John Mary Tabone u Joseph Zerafa li qalulu li waqt li kienu qed isuqu lejn San Lawrenz raw torċ mixgħul f'nofs ta' triq u fl-istess ħin raw karrozza miexja b'lura taqsam għan-naħa l-oħra bid-dawl mixgħul u taħbat fejn waqfet. Jgħid li x-xhieda infurmawh li huma niżlu mill-vetturi tagħhom, marru lejn il-karrozza fejn raw lill-gwardjana mimduda fuq is-*seat* tax-xufier ma titkellemx u bid-demm inkluż f'ħalqha, idejha x-xellugija u fuq moħħha. Iżid li hawn ix-xhieda ċemplu għall-ambulanza.

Iżid li meta huwa kkonstata l-affarijiet, issuspetta mill-ewwel li kien hemm *foul play* u informa lill-Ispettur Antonello Grech li ġie fuq il-post.

Jgħid li waqt li kien sejjer l-isptar huwa ġie infurmat li Spiteri mietet. Iżid li meta wasal l-isptar staqsa għal Dr Patrick Sciberras u insista li jara l-katavru ta' Spiteri. Jgħid li hawn innota diversi tiċrit fuq il-ġisem. Iżid li dawn il-feriti kienu jidhru li saru bi strument li jaqta' u bil-ponta. Jgħid li hawn informa lill-Ispettur u qallu li aktarx dan kien każ ta' omiċidju.

Iżid li huwa ċempel lir-raġel tal-vittma, Joseph Spiteri, fejn hu flimkien mat-Tabib Dr Psaila tawh l-aħbar tal-mewt. Jgħid li lil żewġ Fortunata Spiteri staqsiegh dwar xi problemi li seta' kellha martu fuq ix-xogħol tagħha li setgħu jkunu indizji għall-investigazzjoni u huwa informa b'kollox lis-superjuri tiegħu.

Jesibixxi l-okkorrenza bħala Dok. AS1.[61]

[61] Okkorrenza a fol. 515 sa 519.

**Il-Qorti rat ukoll it-traskrizzjonijiet tal-istqarrijiet ġuramentati rilaxxati minn Giuseppe Farrugia fl-4, il-5 u s-6 ta' Settembru, 2002.**[62]

Giuseppe Farrugia jammetti li huwa kien involut fil-qtil ta' Fortunata Spiteri li seħħ nhar l-10 ta' Awwissu, 2001.

Jispjega li dak iż-żmien huwa kien joqgħod ma' Benny u Marija aħwa Attard. Jispjega wkoll li lil Fortunata Spiteri kien jafha sew għaliex għamel żmien jgħix biswit id-dar ta' oħtha fejn kien jaraha ta' sikwit.

Jiddikjara li xi ġimgħat qabel l-omiċidju huwa, Benny u Marija ltaqgħu ma' John Attard fix-xarabank tiegħu. Jgħid li dakinhar John qal lil Benny li kellu biċċa xogħol u kienx jidhol għalija. Iżid li huwa sa dakinhar ma kienx jaf x'inhi l-biċċa xogħol.

Jgħid li wara dan John kien imur id-dar ta' Benny u Marija fejn kien ukoll joqgħod hu u dan tard billejl fejn kien jitkellem ma' Benny. Jgħid li fost dawn id-drabi kien sema' lil John jgħid lil Benny li l-biċċa xogħol kienet li tinqatel Fortunata Spiteri u li ta' dan kien iħallsu ħamest elef lira Maltija (Lm5,000). Jgħid li wara, Benny qallu jidħolx magħhom għal xi ħaġa tal-flus u huwa aċċetta.

Jgħid li John mar għandhom u ftiehmu li l-qtil isir fl-10 ta' Awwissu, 2001 filgħaxija meta jkun dalam. Jgħid li fl-10 ta' Awwissu ġabarhom John u fil-karozza kienu huwa, John, Benny, u Marija. Jgħid li Benny libes maskla f'wiċċu u kellu stallett miegħu. Muri l-maskla jagħrafha bħala dik ta' Benny. Jgħid li l-ftehim kien li lil Fortunata joqtolha Benny.

[62] Traskrizzjonijiet a fol. 508 sa 512.

Jgħid li saqu lejn l-Għarb fejn fit-triq tal-Għarb lejn San Lawrenz lemħu lil Fortunata Spiteri bilwieqfa maġenb sqaq bil-karozza tax-xogħol tagħha ħdejha.

Jgħid li niżlu lkoll mill-karozza bl-ewwel li mar fuqha kien Benny li beda jtiha bl-istallet. Jgħid huwa wkoll niżel mill-karozza b'mus miftuħ f'idu iżda malli Fortunata għarfitu u qaltlu «int ukoll?» huwa mar lura fil-karozza. Iżid li John ukoll mar għal Fortunata iżda ma jafx kellux stallet f'idu. Jgħid li Marija baqgħet maġenb il-karozza.

Jgħid li Benny u John baqgħu jtuha sakemm din waqgħet mal-art u ġew lura ġol-karozza. Jgħid li hawn ra lil Fortunata tqum u timxi lejn il-karozza tagħha, tirkeb fil-karozza, tistartja l-istess u ssuq għal ġol-ħajt.

Jgħid li huma telqu mill-post b'dan li qabel telqu Benny rama l-istallet f'għalqa fuq ir-riħ ta' fejn seħħ l-omiċidju.

Jgħid li John wassalhom id-dar u baqa' sejjer. Iżid li fid-dar Benny neża' ħwejġu u ramihom fl-għalqa ta' faċċata tad-dar.

Jiddikjara li xi jiem wara mar għandhom John b'dan li ħalla ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) għall-qtil li wettqu.

Jgħid li huwa lil Fortunata ma messhiex u li qala' ħafna xebgħat mingħand Benny, inkluż sabiex jintimidah biex ma jitkellem xejn fuq il-qtil ta' Fortunata.

L-istqarrijiet, għajr għal tas-6 ta' Settembru, 2002, ittieħdu fil-preżenza tal-Kummissarju John Rizzo, l-Ispettur Antonello Grech u s-Supretendent Pierre Calleja. Għal dik tas-6 ta' Settembru, 2002 kien hemm biss l-Ispettur Antonello Grech u s-Supretendent Pierre Calleja.

**Il-Qorti rat ukoll it-traskrizzjoni tal-istqarrija ġuramentata rilaxxata minn Marija Attard fil-5 ta' Settembru, 2002.**[63]

Marija Attard tiddikjara li hija tgħix ma' huha Benny u kien hemm żmien fejn magħhom kien jgħix ukoll Giuseppe Farrugia.

Tgħid li dakinhar li nqatlet Fortunata Spiteri, għal xit-8 ta' filgħaxija, mar għandhom John Attard, ħabbat il-bieb, u hi, Giuseppe, u ħuha Benny ħarġu u rikbu ma' John fil-karozza tiegħu. Tgħid li ħuha kien ġab miegħu sikkina u maskla.

Tgħid li John saq lejn l-Għarb fejn kien hemm Fortunata Spiteri. Iżżid li Benny, John u Giuseppe kienu ftiehmu li joqtlu lil Fortunata għax din kienet qabdet ma' John fuq xi vetturi tiegħu. Tgħid li John kellu jagħti mitejn lira Maltija (Lm200) lil Benny ta' dan ix-xogħol.

Tgħid li xħin waslu fuq il-post ilkoll niżlu mill-karozza b'John, Benny u Giuseppe marru lejn Fortunata iżda din għarfet lil Giuseppe li rtira lura għal ħdejn il-karozza fejn kienet baqgħet hi. Iżżid li hawn John qal lil Benny li jekk ma joqtolhiex ma jħallsux il-flus li wiegħdu u jagħti xebgħa lilu. Tgħid li hawn Benny mar fuq Fortunata u beda jtiha bis-sikkina. Iżżid li John ukoll mar fuqha u beda jtiha.

Tgħid li wara dan rat lill Fortunata taqa' mal-art, tqum, timxi lejn il-karozza tagħha, tirkeb, u ssuq iżda ħabtet ġol-ħajt. Tgħid li rat ukoll lil Benny jarmi s-sikkina f'għalqa fuq struzzjonijiet ta' John.

L-istqarrija ttieħdet fil-preżenza tal-Kummissarju John Rizzo, l-Ispettur Antonello Grech, is-Supretendent Pierre Calleja, u WPC 137 Dorianne Ebejer.

---

[63] Traskrizzjoni a fol. 513 sa 514.

**Il-Qorti rat ukoll it-traskrizzjonijiet tal-istqarrija ġuramentata rilaxxata minn John Attard fis-7 ta' Settembru, 2002.**[64]

In succinct, mit-traskrizzjoni tal-istqarrija rilaxxata minn John Attard jirriżulta li dakinhar John Attard iddikjara li huwa kien isuq fi triqtu mix-Xagħra għar-Rabat, Għawdex u ltaqa' ma' Benny Attard, oħtu Marija Attard, u Giuseppe Farrugia. Jgħid li Benny Attard talbu jaqtagħhom pass sal-Għarb. Jgħid li fi triqthom Benny talbu jieqaf fit-triq tal-Għarb fejn niżel b'basket f'idejh, waqaf taħt siġra, rah ikewwes fil-basket iżda ma jafx x'ħareġ jew libisx maskla, imbagħad rah kompla sabiex ħebb għal Fortunata Spiteri. Jgħid li ma setax jara sew x'qed jiġri għax kien id-dlam. Iżid li huwa prova jwaqqaf lil Benny billi beda jghajjatlu u jgħidlu jmur lura iżda dan ma tax kasu.

Jgħid ukoll li l-ewwel darba li ra l-mus ta' Benny Attard kien meta dan ġie lura fil-vann tiegħu li huwa kien diġà beda jsuq sabiex jitlaq għax beża', b'Benny tela' fil-vann u qallu li jekk jikxfu huwa kien imiss b'dan li hawn urieh il-mus.

Iżid li Marija u Giuseppe kienu niżlu mill-vann iżda qagħdu wara ħajt imbeżżgħin, b'dan li mbagħad ukoll reġgħu telgħu fil-vann tiegħu. Jiddeskrivi lil Giuseppe bħala raġel beżgħan li mhux ser iweġġa' lil xi ħadd u lil Marija l-istess.

Jinsisti li huwa la kien jaf bl-intenzjonijiet ta' Benny u anqas ipparteċipa fid-delitt. Jinsisti li huwa innoċenti u li kieku ma inzertahomx fit-triq dakinhar mank biss kien ikun fejn seħħ id-delitt.

[64] Traskrizzjoni a fol. 261 sa 507.

Jgħid li fi triqthom lura lil Benny qallu x'għamilt u f'hiex daħħaltni b'dan li mbagħad reħiehom it-tlieta l-pjazza tax-Xagħra.

Iżid li qabel telqu mil-lok tad-delitt ra l-vettura tal-gwardjana issuq b'lura u taħbat ġol-ħajt.

Jinsisti li l-maskla u l-mus Benny poġġiehom ġol-basket li kien ġarr miegħu.

Mistoqsi għalfejn wara dan kollu ma marx għand il-pulizija u għalfejn ma qal xejn minn dan meta ġie interrogat l-ewwel darba—ftit jiem wara d-delitt—jgħid li għax beża' li Benny joqtol lilu wkoll.

Mistoqsi kif ma intervjeniex sabiex iwaqqaf lil Benny milli jsawwat lil Fortunata Spiteri jgħid għax Benny kellu stallet u kien joqtol lilu.

Rigward flus jgħid li huwa li tħallas xejn u anqas wiegħed xejn. Jinsisti li ma wiegħed flus lil ħadd.

Jikkonferma li darba biss jaf li kellu kwistjoni mal-gwardjana Fortunata Spiteri: dakinhar tax-Xlendi meta pparkeġġja x-xarabank ħażin, widdbitu, u ressaqha. Jgħid li anqas qatt waħħlitu ċitazzjoni. Mistoqsi kif qatt ma waħħlitu ċitazzjoni, meta kienet magħrufa li tagħti ċitazzjonijiet, u jekk dan kienx għax kienet tibża' minnu, jgħid li mhux vera.

Rinfaċċjat bi stqarrija li ta' sena qabel, u erbat (4) ijiem biss wara li nqatlet Fortunata Spiteri, fejn kien mitqal lilu li diversi persuni qalu lill-pulizija li kien ta' sikwit ikollu xi jgħid ma' Fortunata Spiteri għax jipparkeġġja x-xarabank b'mod ħazin jgħid li dawn in-nies kollha gidbu fuqu.

Jinsisti fuq li jinsisti li huwa ma marx jiġbor lil Benny Attard, Marija Attard u Giuseppe Farrugia mid-dar fjen kienu jgħixu flimkien iżda inzertahom fit-triq u qatagħhom sal-Għarb fejn seħħ id-delitt imbagħad wasalhom lura l-pjazza tax-Xagħra.

Jaqbel li l-ewwel darba li ġie interrogat mill-pulizija ma qal xejn milli qed jgħid f'din id-dikjarazzjoni—li ltaqa' mal-oħrajn u ħadhom fuq il-post. Jgħid li dan għax beża' li jiġi mweġġa' jew maqtul minn Benny.

Aktar tard, jgħid li huma kienu ftiehmu li jmorru jagħtu tbeżbiża lill-gwardjana Fortunata Spiteri. Iżid li lil Benny qallu tmisshiex, toqtolhiex, tagħmilx trampi b'dan iżda li Benny spiċċa qatilha. Jgħid li dan kien għax Benny daħħal f'moħħu hekk, minħabba ċ-ċitazzjonijiet. Jispjega li Benny kien sabu l-venda tal-linja u qallu li waħħlitu ċitazzjoni fuq il-mutur. Jgħid li huwa qallu kellimha, ammonija, imma taqbiżx il-limiti. Jgħid iżda li Benny qabeż il-limiti kollha.

Jerġa' jinsisti li lit-tlieta l-oħra huwa ma ġabarhomx mid-dar fejn kienu joqogħdu iżda inzerthom fit-triq.

Jibdel il-verżjoni u jgħid li Benny kellmu xi jumejn qabel u qallu biex iwasslu. Iżid li qallu biex iwasslu l-Għarb f'San Lawrenz. Iżid li lil Benny qallu li ċ-ċitazzjoni jħallashielu huwa u m'għandux għalfejn jiġġieled dwarha iżda Benny ried imur u qallu jwasslu. Jgħid li sa dak il-ħin Benny kien qallu li lill-gwardjana ried biss ikellimha, jammoniha. Iżid li huwa bassar x'ser jagħmlilha għax jaf li jasal. Aktar tard jgħid iżda li ma kienx jaf li Benny kellu ħsieb joqtolha.

Jibdel il-verżjoni wkoll dwar il-flus fejn jgħid li lil Benny qallu li dawk għamilhom il-bank. Jgħid li Benny talbu mitejn lira Maltija (Lm200) iżda hu ma tahomlux.

Jaqbel li meta kellmu xi jumejn qabel Benny kien qallu li lill-gwardjana ried ipattihielha/jagħtiha tbeżbiża. Jgħid li meta għaddew il-jumejn qallu jwasslu u huwa wasslu.

Jiċħad li kien huwa li qabbad lil Benny joqtol lil Fortunata Spiteri jew li ħallsu ta' dan.

Jinsisti li huwa ma jafx kif Benny kien jaf li Fortunata Spiteri kellha tkun l-Għarb f'San Lawrenz b'dan li huwa żgur ma kienx jaf iżda mar fejn qallu jmur Benny.

Mitqal lilu li Giuseppe Farrugia u Marija Attard it-tnejn qablu li huwa mar ġabarhom u lil Benny min darhom u aktar tard, xi jiem wara d-delitt, reġa' mar għandhom u ta' mitejn lira Maltija (Lm200) lil Benny jinsisti li mhux minnu. Isostni li għalkemm qabel iddikjara li Giuseppe Farrugia ma jigdibx fuq dan kien qed jigdeb.

Jgħid li huwa dejjem beża' minn Benny u għalhekk wasslu fejn talbu. Jinsisti li Benny jasal li joqtol.

Jerġa' jgħid li jumejn qabel l-omicidju, Benny qallu jiġbru u jieħdu l-Għarb. Jinsisti li ma kienx jaf li ried imur l-Għarb biex joqtol lil Fortunata Spiteri. Jgħid li huwa qallu li jiġbru u jieħdu iżda biex ma jaqlax inkwiet.

Jerġa' jibdel il-verżjoni u jgħid li lil Benny tah mitejn liri Maltin (Lm200). Jgħid iżda li dawn ma kinux b'kumpens għal qtil iżda Benny kellu jtihomlu lura u baqa' ma tahomlux lura. Jgħid li tah il-mitejn lira Maltija (Lm200) biex jeħles minnu għax ibeżżgħu.

Mistoqsi kif huwa u Benny m'humiex jaqblu rigward minn ikkummissjona l-qtil, b'Benny jgħid li qabbdu hu b'wegħda ta' ħlas ta' korrispettiv mentri hu jgħid li wassal lil Benny għax jibża' minnu, jinsisti li huwa ntalab iwassal lil Benny l-

Għarb, għamel hekk għax jibża' minnu, u sar biss jaf x'kienet l-intenzjoni tiegħu fil-vann fi triqthom lejn l-Għarb dakinhar tad-delitt.

Jikkonkludi li huwa kien imbeżża' minn Benny u wasslu iżda ma ppartecipax fil-qtil. Jgħid li lil Fortunata Spiteri qatt ma messha bħalma qatt ma messewha Giuseppe Farrugia u Marija Attard. Jgħid li l-unika bniedem li tagħha bis-sikkina kien Benny Attard.

L-istqarrija ttieħdet fil-preżenza tal-Kummissarju John Rizzo, l-Ispettur Antonello Grech u s-Supretendent Pierre Calleja.

**Il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo**, xehed[65] li dak iż-żmien huwa kien AC inkarigat mit-taqsima tas-CID. Jgħid li huwa wasal fuq il-post tad-delitt fl-10 ta' Awwissu, 2001 u wara li studja x-xena tad-delitt u ra lil Fortunata Spiteri l-isptar ġie stabbilit li l-vittma Fortunata Spiteri kienet maqtula għall-ħabta tad-disgħa u nofs (9:30) u l-għaxra u neqsin kwart (9:45) ta' filgħaxija permezz ta' strument bil-ponta u li jaqta'.

Iżid li f'Settembru 2002 wasslitlu informazzjoni li l-persuna li setgħet ikkummissjonat id-delitt kien ċertu Benny Attard mix-Xagħra. Iżid li ma' dan Benny kien joqgħod ċertu Giuseppe Farrugia. Jgħid li għalhekk bagħat għal Giuseppe Farrugia u interrogah fl-uffiċċju tiegħu fejn dan ammetta li huwa flimkien ma' Benny u oħtu Marija kif ukoll John Attard kienu involuti fil-qtil ta' Fortunata Spiteri.

Jgħid li Giuseppe infurmah li kien John Attard li kien avviċina lil Benny sabiex iwettqu d-delitt. Iżid li Giuseppe infurmah li John ġabarhom mid-dar u ħadhom l-Għarb

[65] Traskrizzjoni a fol. 534 sa 536.

b'dan li malli raw lil Fortunata Spiteri niżlu mill-vettura u marru dritt fuqha. Ikompli li Giuseppe infurmah ukoll li Benny kien ġab miegħu maskla mill-film *Scream* kif ukoll stallett.

Iżid li Giuseppe rrakkonta kif Benny beda jtiha bis-sikkina waqt li huwa u John kienu fejnu b'Fortunata f'ħin minnhom qaltlu «anke inti?!» u hawn Giuseppe nħasad u rtira lura mingħajr ma mess lil Fortunata Spiteri. Jgħid li Giuseppe qallu li Marija ma pparteċipatx fid-delitt.

Jgħid li kellem ukoll lil Marija Attard, oħt Benny b'din ikkorroborat dak li qal Giuseppe Farrugia f'kull element kruċjali ħlief rigward is-somma li kellha titħallas minn John lil Benny qal qtil fejn kuntrarjament għal Giuseppe din qalet li s-somma ma kinitx ta' ħamest elef lira Maltija (Lm5,000) iżda mitejn lira Maltija (Lm200).

Iżid li l-istqarrijiet ta' Giuseppe u Marija kienu t-tnejn ikkonfermati bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Paul Coppini.

Jgħid li aktar tard kellem lil John Attard, ukoll f'Settembru 2002 fejn huwa ammetta l-involviment tiegħu b'differenzi żgħar minn dak li qalu Giuseppe u Marija. Iżid li John qal li involva ruħu għax kien ippressat minn Benny u kien jibża' minnu. Jgħid ukoll li John ammetta li ta' mitejn lira Maltija (Lm200) lil Benny iżda bħala self u li qatt ma tahielu lura.

Iżid li l-istqarrija ta' John Attard kienet ukoll ikkonfermata bil-ġurament quddiem il-Magistrat Paul Coppini.

Iżid li kellem ukoll lil Benny Attard li ċaħad kull involviment fl-omiċidju. Jgħid li kienu saru tfittxijiet fid-dar tiegħu u ġew elevati l-maskla, stalletti u *bullets*. Iżid li Giuseppe kkonferma li l-maskla li ġiet elevata kienet dik li

ntużat minn Benny meta nqatlet Fortunata Spiteri. Jgħid li fil-frattemp Benny baqa' jiċħad l-involviment tiegħu.

Iżid li fil-11 ta' Settembru, 2002 Giuseppe u John tressqu akkużati quddiem il-Qorti bil-qtil ta' Fortunata Spiteri. Iżid li ftit wara Benny ġie akkużat ukoll bi swat fuq Giuseppe u waqt li Benny kien l-isptar Monte Carmeli tkellem ma' gwardjan tal-ħabs u ammetta l-involviment tiegħu fil-qtil ta' Fortunata Spiteri. Iżid li l-gwardjan informa b'dan lill-pulizija u b'hekk Benny reġa' ġie investigat fejn ammetta l-involviment tiegħu fl-omiċidju ta' Spiteri. Iżid li x-xhieda ta' Benny kienet tixbah lil ta' Giuseppe u ta' Marija fis-sens li kien John li avviċinah biex jagħmel id-delitt.

Iżid li fl-20 ta' Novembru, 2004 Benny tressaq il-Qorti akkużat bl-omiċidju ta' Spiteri.

Jgħid li Marija Attard baqgħet ma tressqitx il-Qorti peress li kellha karattru dgħajjef u qatt ma wżat swat fil-konfront ta' Spiteri.

**Joseph Spiteri**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[66] Jiddikjara li huwa u Fortunata Spiteri żżewġu fl-1974 u kellhom tifel wieħed, Marvic.

Iżid li martu kienet ħabrieka u ta' kuraġġ, qalba tajba u tgħin. Jgħid li Fortunata għamlet l-eżami sabiex issir gwardjan loakli u daħlet f'dak ix-xogħol. Jgħid li dak ix-xogħol kienet tħobbu u kienet tirrakkontalu dwaru u meta jinqala' xi ħaġa. Iżid li xi xahrejn qabel inqatlet kienet qaltlu li kellha diżgwid ma' John Attard fix-Xlendi minħabba x-xarabank tiegħu.

[66] Affidavit a fol. 588 b'dokumenti a fol. 589 sa 592.

Jgħid li fl-10 ta' Awwissu, 2001 hu kien id-dar meta ċempillu pulizija jgħidlu li martu ħabtet b'dan li talbu jmur l-isptar. Iżid li ġie infurmat li martu mietet biss malli wasal l-isptar. Jgħid li dak il-ħin huwa kien għadu mingħalih li martu ħabtet.

Jikkonferma l-kumplament tad-dikjarazzjonijiet tiegħu fir-rikors ġuramentat.

Jannetti rċevuti tal-ispejjeż li inkorra għall-funeral ta' martu, Fortunata Spiteri.[67]

**Salvu Vella,** spettur mal-*Guard and Warden Service House*, xehed[68] li huwa ma jistax jikkummenta dwar dħul ta' Fortunata Spiteri peress li mhux inkarigat mit-taqsima tal-kontabbilità tas-soċjetà *Guard and Warden Service House* iżda jagħraf id-dikjarazzjoni tad-dħul a fol. 599 tal-proċess li turi li fis-sena 2000 Fortunata Spiteri pperċepit dħul ta' mitejn elf disa' mija u erbgħa u tmenin lira Maltija (Lm2,984) bħala waħda tal-*Guard and Warden Service House*.

**Alexia Farrugia**, in rappreżentanza tas-socjetà *Guard and Warden Service House*, xehdet[69] li hija impjegata bħala *payroll clerk* mal-istess soċjetà. Tikkonferma li Fortunata Spiteri kienet impjegata magħhom u li d-dikjarazzjoni a fol. 599 tal-proċess hija FS3 li nħarġet minnhom. Tgħid li l-FS3 ikopri s-sena 2000. Tiffirma kopja addizzjonali tal-FS3—preżentata a fol. 635—bħala kopja vera.

**Raymond Zammit**, rappreżentant tal-aġenzija li ssuċċediet lill-*Guard and Warden Service House*, mistoqsi dwar ir-*roster* tal-gwardjani, illum magħrufa bħala *Community Officers*,

[67] Irċevuti a fol. 589 sa 591 u santa tal-mejtin a fol. 592.
[68] Traskrizzjoni a fol. 604 sa 606.
[69] Traskrizzjoni a fol. 632 sa 633.

xehed[70] li dawn l-uffiċjali jiġu *detailed* għal xogħol f'lokalità partikolari. Iżid li d-dettalji ta' fejn kull uffiċjal ikun ser ikun xogħol jinħarġu minn ġimgħa qabel. Jgħid li hemm *detail officer* li l-uffiċjali l-oħra jkellmu sabiex isiru jafu fejn ser ikunu xogħol. Iżid li l-uffiċjali kollha jkunu jafu fejn kull wieħed minnhom ser ikun għaliex ir-*roster* li toħroġ hija waħda.

Iżid li huwa jemmen li s-sistema minn dejjem hekk kienet iżda huwa jista' jitkellem biss minn tliet (3) snin 'il hawn.

**Prof. Maria Therese Camilleri Podestà, Dr Bridgette Ellul, u Dr Michael Refalo** tobba li rrediġew l-awtopsja fuq Fortunata Spiteri, xehdu[71] li ġisem il-vittma kellu tmien (8) feriti ta' żewg (2) tipi: *stab wounds* u *abrasions*.

Jgħidu li fl-opinjoni tagħhom il-ħames *stab wounds* ġew ikkaġunati minn strument bil-ponta.

Jispjegaw li wħud mill-feriti kienu superfiċjali mentri oħrajn kienu fondi.

Iżidu li ma jistgħux jgħidu jekk il-feriti ġewx ikkaġunati minn id waħda jew minn diversi persuni.

Jispjegaw li wħud mil-feriti jidhru li saru bi strument *single edged* mentri oħrajn jidhru li saru bi strument *double edged*.

Inkwantu d-direzzjoni tal-ħames *stab wounds* u jekk dawn jindikawx li l-aggressur kien f'pożizzjoni fissa jispjegaw li wieħed ma jistax jiddetermina jekk ġewx minn pożizzjoni fissa għax seta' wkoll kien hemm il-moviment tal-vittma.

Jispjegaw fejn kienu l-i*stab wounds* ossia: li dawk immarkati bin-numri 2 u 3 kienu fiż-żaqq—*lower abdomen*—bin-numru

[70] Traskrizzjoni a fol. 700 sa 702.
[71] Traskrizzjoni a fol. 707 sa 712.

2 kienet fuq il-lemin u daħlet ġol-fwied imbagħad aktar 'l isfel lejn l-imsaren u n-numru 3 kienet fuq ix-xellug u daħlet fl-imsaren iż-żgħar u għamlet ħafna feriti fihom. Iżidu li din baqgħet imbagħad nieżla lejn in-nofs fejn daħlet fl-*aeorta* li hija l-arterja u l-vina prinċipali tal-ġisem—u dawk immarkati bin-numri 4 u 5 kienu fl-id ix-xellugija u nifdu l-id. Iżidu li din hija fil-fatt ferita waħda iżda penetranti u għalhekk immarkawha bħala żewġ feriti.

Iżidu li għalhekk *stab wounds* kien hemm tlieta (3) li huma mmarkati bin-numri 2, 3, kif ukoll 4 u 5 flimkien.

Jispjegaw ir-referenza għal *fish tailed angle* bħala meta strument—sikkina—tiċċaqlaq, tolqot, u taqta' iż-żewġ naħat b'dan li għalhekk din kienet taqta' miż-żewġ naħat.

## Ċ. IKKUNSIDRAT:

### Preliminari:

B'din il-kawża, l-atturi oriġinali, Joseph Spiteri—żewġ il-mibkija Fortunata Spiteri—flimkien mal-uniku iben tagħhom Marvic Spiteri talbu lill-Qorti sabiex wara li ssib lill-konvenuti oriġinali jew min minnhom responsabbli għall-mewt ta' Fortunata Spiteri li seħħ b'konsegwenza ta' delitt kriminali—omiċidju—fl-10 ta' Awwissu, 2001; tillikwida d-danni minnhom sofferti b'konsegwenza tal-mewt ta' Fortunata Spiteri u tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iħallsuhom l-istess danni, bl-imgħaxijiet u l-ispejjeż.

Il-konvenuti oriġinali konjuġi John u Rita Attard laqgħu għal dan billi eċċepew li huma ma kellhom xejn x'jaqsmu mal-mewt ta' Fortunata Spiteri. Żiedu jgħidu wkoll li f'każ li tinsab responsabbilità ta' John Attard ċertament ma kienx hemm responsabbilità ta' Rita Attard.

Il-konvenut Giuseppe Farrugia laqa' għat-talbiet attriċi billi eċċepixxa li huwa ma kellu xejn x'jaqsam mal-mewt ta' Fortunata Spiteri.

Il-kjamat fil-kawża Bernard sive Benny Attard ma intavola ebda nota tal-eċċezzjonijiet.

Tul l-andament tal-proċeduri mietu kemm l-attur Joseph Spiteri kif ukoll il-konvenuti oriġinali kollha għajr Rita Attard bil-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Marvic Spiteri waħdu fuq in-naħa attriċi u f'isem Rita Attard għal John Attard, Marija Attard għal Giuseppe Farrugia u kuratur deputat għal wirt ġjacenti ta' Bernard sive Benny Attard fuq in-naħa tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Qabel tibda bl-osservazzjonijiet legali tagħha, din il-Qorti tħoss li għandha tagħti riassunt qasir tal-ġrajjiet li waslu għall-istanza preżenti.

i. Fortunata Spiteri sfat maqtula nhar l-10 ta' Awwissu, 2001 waqt li kienet qiegħda taqdi d-doveri tagħha ta' gwardjana lokali fi Triq l-Għarb, l-Għarb, Għawdex;

ii. B'konnessjoni ma' dan l-omiċidju ġew investigati erba' (4) persuni: John Attard, Benny Attard, Marija Attard, u Giuseppe Farrugia;

iii. Marija Attard irrilaxxat stqarrija lill-pulizija nhar il-5 ta' Settembru, 2002—a fol. 513 tal-proċess;

iv. Giuseppe Farrugia rrilaxxa tliet (3) stqarrijiet: waħda nhar l-4 ta' Settembru, 2002, oħra nhar il-5 ta' Settembru, 2002, u oħra nhar is-6 ta' Settembru, 2002—a fol. 508 sa 512 tal-proċess;

v. John Attard irrilaxxa żewġ stqarrijiet, waħda ftit jiem wara l-omiċidju ta' Fortunata Attard fl-2001 u oħra fis-7 ta' Settembru, 2002—a fol. 261 sa 507 tal-proċess—wara dawk rilaxxati minn Marija Attard u Giuseppe Farrugia li lkoll, kif ukoll in linja ma' dak dikjarat aktar tard minn Benny Attard meta ammetta l-involviment tiegħu fl-omiċidju, ippuntaw subgħajhom lejn John Attard u Benny Attard bħala l-awturi tad-delitt;

vi. In forza ta' dawn l-istqarrijiet l-ewwel ittieħdu proċeduri kriminali kontra Giuseppe Farrugia, li miet fil-mori tal-istess, kif ukoll kontra John Attard. Mix-xhieda tal-Kummissarju John Rizzo a fol. 534 sa 536 tal-proċess jirriżulta li Farrugia u Attard tressqu quddiem il-Qorti akkużati bl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri nhar il-11 ta' Settembru, 2002;

vii. Mill-istess xhieda tal-Kummissarju John Rizzo a fol. 534 sa 536 tal-proċess jirriżulta li Benny Attard ukoll tressaq quddiem il-Qorti akkużat bl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri iżda dan kien aktar tard—ossia fl-20 ta' Novembru, 2004. Dan wara li waqt li kien jinsab miżmum l-isptar Monte Carmeli wara li kien ġie akkużat bi swat fuq Giuseppe Farrugia huwa stqarr l-involviment tiegħu fil-qtil ta' Fortunata Spiteri ma' gwardjan tal-isptar;

viii. Mill-istess xhieda tal-Kummissarju John Rizzo a fol. 534 sa 536 tal-proċess jirriżulta li Marija Attard qatt ma tressqet il-Qorti in relazzjoni mal-qtil ta' Fortunata Spiteri in kwantu li din kienet miżmuma fi sptar psikjatriku u mill-istqarrijiet tagħha, ta' Farrugia u ta' Benny Attard irriżulta li hija qatt ma

kellha involviment dirett fl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri;

ix. Wara li tressqu Giuseppe Farrugia, Benny Attard, kif ukoll John Attard quddiem il-Qrati Kriminali akkużati bl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri, ingħataw sentenzi kontra John Attard u Benny Attard fejn bis-sentenza tas-6 ta' Ottubru, 2008 Benny Attard insab kolpevoli tal-qtil ta' Fortunata Spiteri u ngħata tletin (30) sena priġunerija stante l-ammissjoni tiegħu li għenet sabiex ġie riżolt il-każ mentri b'dik tal-20 ta' Novembru, 2010 John Attard ingħata għomor priġunerija minkejja li nsab biss kolpevoli bħala kompliċi mhux awtur iżda stante li l-liġi tippermetti tali sentenza anke fil-konfront ta' kompliċi. Giuseppe Farrugia miet fil-mori tal-process kriminali u għalhekk ma ngħatat ebda sentenza fil-konfront tiegħu;

x. Iż-żewġ sentenzi tal-Qorti Kriminali mogħtija kontra John Attard u Benny Attard ġew it-tnejn ikkonfermati fl-appell—sentenza tal-appell tal-20 ta' Marzu, 2009 kontra Benny Attard a fol. 545 sa 554 u dik tal-appell tas-27 ta' Marzu, 2018 kontra John Attard a fol. 716 sa 749 tal-proċess;

xi. Fil-frattemp, din il-kawża għad-danni ċivili wara d-delitt kriminali ossia omiċidju ta' Fortunata Spiteri ġiet intavolata nhar id-9 ta' Ottubru, 2002 bir-risposta tal-konvenuti konjuġi John u Rita Attard ġiet ippreżentata fl-4 ta' Novembru, 2002 u dik ta' Giuseppe Farrugia ġiet ippreżentata fit-13 ta' Novembru, 2002. Bernard sive Benny Attard li kien kjamat fil-kawża nhar id-19 ta' Jannar, 2011 ma intavola ebda risposta.

Kjarati dawn it-tappi importanti, jirriżulta ċar li din l-istanza hija waħda għall-hlas ta' danni kaġunati lill-atturi wara il-qtil ta' Fortunata Spiteri li tiġi mart li llum mejjet attur Joseph Spiteri u omm l-attur l-ieħor Marvic Spiteri.

F'dan ir-rigward, din il-Qorti trid qabel xejn tindaga r-responsabbiltà għall-mewt ta' Fortunata Spiteri qabel ma tkun tista' mbagħad tgħaddi għal-likwidazzjoni tad-danni sofferti u sabiex tagħti ordni għall-ħlas tal-istess.

**Rigward ir-responsabbiltà:**

Mill-atti tal-kawżi, jirriżulta ampjament ċar li r-responsabbiltà ta' Bernard sive Benny Attard hija ammessa, b'dan li ġiet ammessa kemm fi stadju bikri tal-proċeduri kriminali kontra tiegħu, għalkemm żmien wara l-omiċidju nniffsu, tant li l-Qrati Kriminali ħassew li ma kienx hemm in-neċessità li kontrih tiġi pronunzjata sentenza għall-penali massima kif ukoll bix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti stess.

In kwantu r-responsabbiltà ta' Giuseppe Farrugia din ma kinitx ġiet sindakata mill-Qrati Kriminali peress li l-istess Farrugia miet fil-mori tal-proċeduri kriminali meħudha kontra tiegħu u qabel ma setgħet tingħata sentenza kontrih fir-rigward. B'dan li din il-Qorti trid tagħmel l-analiżi tagħha rigward ir-responsabbiltà tiegħu.

Fir-rigward tal-konjuġi John u Rita Attard huwa ċar li Rita Attard ma ġiet akkużata bl-ebda mod minn dawk li kienu fil-fatt fuq il-post tad-delitt dakinhar li nqatlet Fortunata Spiteri. Dan jirriżulta ampjament mit-traskrizzjonijiet dettaljati tal-istqarrijiet tal-erba' (4) persuni li kienu f'tali post ossia żewġha John kif ukoll Giuseppe Farrugia, Benny Attard u Marija Attard. Ħadd minn dawn l-individwi ma

pponta subgħajh lejn il-konvenuta Rita Attard li fil-fatt ma ġiet la mitkellma mill-pulizija u wisq anqas mressqa quddiem il-Qorti Kriminali.

Jingħad ulterjorment li fir-rigward ta' din il-konvenuta, fil-vesti tagħha biss ta' konvenuta proprja mhux ukoll bħala aventi kawża tal-konvenut żewġha John Attard, anqas jista' jingħad li l-preżenza tagħha f'din il-kawża tista' sservi sabiex tintegra l-ġudizzju fir-rigward tar-responsabbiltà tal-komunjoni tal-akkwisti—jekk din teżisti stante li prova fuq dan il-mertu ma tressqitx quddiem din il-Qorti—bejnha u żewġha. Dan għaliex fiċ-ċirkostanzi tal-każ tal-lum il-komunjoni tal-akkwisti ma tagħmilx tajjeb għad-dejn jew indennizz li jirriżulta b'konsegwenza ta' reat li jkun sar bir-rieda jekk mhux b'mod biss sussidjarju fejn miżżewweġ jinsab ħati ta' reat b'dan li jiġi espost sehmu biss mill-komunjoni.[72]

Iżda mhux l-istess jingħad fuq John Attard li għalkemm fl-interrogazzjoni fit-tul tiegħu għamel diversi akkużi, jidher ċar jibdel il-verżjoni tiegħu kemm-il darba u ġie mhux biss impoġġi fil-post tad-delitt mit-tliet (3) xhieda l-oħra—Farrugia, Benny Attard u Marija Attard—iżda, filwaqt li huwa dejjem innega l-involviment tiegħu fil-qtil proprju ta' Fortunata Spiteri l-istess xhieda jgħidu mod ieħor u jinsistu li huwa mhux biss ipparteċipa b'mod attiv iżda kien addirittura l-moħħ wara d-delitt. Tant li l-Qrati Kriminali ħassew in-neċessità li jimponu fuqu l-massimu tal-piena anke jekk instab biss ħati bħala kompliċi u mhux awtur tad-delitt.

Magħdud dan, huwa miżmum li minkejja li l-proċeduri kriminali u dawk ċivili jitmexxew indipendentement minn

[72] Ref. l-Artikoli 1327(f) u 1329(1) tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta.

xulxin,[73] xejn ma jimpedixxi lill-Qorti Ċivili milli tieħu qies tal-provi u x-xhieda li jkunu nġabu quddiem il-Qrati Kriminali sabiex tasal għall-fehma tagħha dwar is-siwi tal-istess u kemm wieħed jista' joqgħod fuqhom.[74] L-istess jingħad rigward is-sentenzi li jkunu ngħataw mill-Qrati Kriminali.[75]

Matul is-smigħ ta' din il-kawża, ma nġabu ebda provi mill-konvenuti li jxejnu dawk ikkunsidrati mill-Qrati Kriminali sabiex waslu għad-deċiżjonijiet li ngħataw kontra John Attard u Benny Attard. Anqas inġabu xi provi li jxejnu d-dikjarazzjonijiet magħmula minnhom lill-pulizija kif ukoll dawk magħmula minn Giuseppe Farrugia waqt l-interrogazzjonijiet tagħhom.

Tenut kont ukoll tal-fatt li l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti John Attard u Giuseppe Farrugia tressqu qabel ma ngħatat id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali kontra l-istess John Attard u qabel setgħet tingħata deċiżjoni kontra Giuseppe Farrugia mentri Benny Attard anqas biss intavola eċċezzjonijiet; ma jirriżultax lil din il-Qorti li l-kompliċità misjuba fil-konfront ta' John Attard u r-responsabbiltà misjuba fil-konfront ta' Benny Attard mill-Qrati Kriminali liema Qrati jirrekjedu grad ta' prova għola milli tinneċessita din il-Qorti għandhom għal xi raguni jitwarrbu.

Minn naħa l-oħra, u fir-rigward tar-responsabbiltà ta' Giuseppe Farrugia, din il-Qorti tqies li l-eċċezzjonijiet ta' natura ġenerika li dan qajjem f'dawn il-proċeduri ftit li xejn—u aktar lejn xejn—ma jtaffu mill-qawwa probatorja

---

[73] Ref. Artikolu 6 tal-Kap. 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

[74] Ref., *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija nhar l-1 ta' Diċembru, 1955 fl-ismijiet ***Camilleri vs Cassar***, Kollezz. Vol. XXXIX.11.768.

[75] Ref. l-Artikolu 627(1) tal-Kap. 12, tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll id-deċiżjoni mogħtija nhar it-28 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet ***Anthony Briffa pro et noe vs Vincent Oliver Abela pro et noe***.

tal-istqarrijiet li dan għamel lill-pulizija fl-istadju tal-investigazzjonijiet fl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri. Stqarrijiet li fil-fatt waslu għall-arresti tiegħu u tal-oħrajn ko-akkużati miegħu, l-akkużi, il-proċeduri kriminali u s-sentenzi ta' priġunerija. Il-Qorti għalhekk mhijiex beħsiebha twarrab l-istqarrijiet magħmula minn Farrugia.

Huwa minnu li x-xhieda l-oħrajn li kienu fuq il-post dakinhar li sfat attakkata, midruba, u maqtula Fortunata Spiteri stqarrew li Giuseppe Farrugia rtira minn fejn Spiteri qabel ma kien għadu messa iżda meta kien niżel mill-vettura li biha wasal fuq il-post sabiex jipparteċipa fl-omiċidju b'mus miftuħ f'idejh. Dan iżda ma jnaqqasx f'moħħ din il-Qorti l-konvinċiment morali li l-istess Gisueppe Farrugia għandu jinsab u jinżamm responsabbli għall-mewt ta' Fortunata Spiteri meta rriżulta ċar u konsistentement li huwa kien jaf kemm bil-pjan kif ukoll bil-qtil proprju ta' Fortunata Spiteri iżda tkellem biss dwar dan 'il fuq minn sena wara, f'Settembru, 2002, meta ġie avviċinat mill-pulizija li sa dakinhar kellha biss suspett fuq Benny Attard.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi naqsu milli jippruvaw li l-konvenuta Rita Attard fil-vesti tagħha proprja taħti għall-mewt ta' Fortunata Spiteri. B'dan iżda li r-responsabbiltà fil-konfront tal-konvenut John Attard u l-kjamat fil-kawża Benny Attard kif misjuba mil-Qrati Kriminali hija kkonfermata minn din il-Qorti mhux biss abbażi tas-sentenzi tal-Qrati Kriminali iżda tenut kont ukoll tal-provi miġjuba quddiem din il-Qorti. Dan tenut kont li dawn l-istess żewġ individwi ma nnegawx tali responsabbiltà b'Benny Attard xehed quddiem din il-Qorti u reġa' ammetta dak diġà qabel minnu ammess fil-proċeduri kriminali kontra tiegħu mentri John

Attard ma ressaqx provi li jxejnu dak li ġie deċiż kontra tiegħu mill-Qrati Kriminali u anqas kontra dak li stqarr fl-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija li jwassal lil dina l-Qorti sabiex aktar temmen il-verżjonijiet mogħtija mill-konvenuti Benny Attard u Giuseppe Attard kif ukoll minn Marija Attard kontra tiegħu milli l-istqarrija konvoluta u f'diversi waqtiet kuntradittorja tiegħu.

Magħdud dan, fil-qasam tad-dritt ċivili, u fejn *si tratta* mir-responsabbiltà akwiljana, il-prinċipju jibqa' li persuna twieġeb għall-ħsara li sseħħ bi ħtija tagħha.[76] Dan huwa, wara kollox, l-għan ewlieni tal-kunċett ta' responsabbiltà ċivili.

Jingħad iżda li l-ħsara li tiġġarrab minn reat la hija ħsara kuntrattwali u anqas akwiljana iżda hija ħsara li ladarba titnissel minn għemil kriminali japplikaw għaliha l-principji tad-dritt penali.[77]

F'dan il-każ partikolari, iżda, il-konvenuti u l-kjamat fil-kawża li fihom instabet responsabbiltà minn din il-Qorti ma qajmu ebda difiża għajr dik ġenerika. Dan stante li fil-każ tal-konvenuti—tenut kont li l-kjamat ma ntavolax risposta—ċaħdu l-involviment tagħhom fir-reat li wassal għall-mewt ta' Fortunata Spiteri *sic et sempliciter*.

Din iċ-ċaħda saret fir-risposti tal-konvenuti konjuġi Attard u Giuseppe Farrugia li ġew intavolati *qabel* ma ġew terminati l-proċeduri kriminali kontra John Attard b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali li kkonfermat dik preċedenti mogħtija mill-Qorti Kriminali inkluż rigward il-piena ta' għomor ħabs u—ovvjament—qabel it-

[76] Ref. Artikolu 1031 tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta.
[77] Ref., *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija nhar it-30 ta' Novembru, 1956 fl-ismijiet ***Gauci vs Gauci***, Kollezz. Vol. XL.i.376.

terminazzjoni tal-proċess kriminali kontra Giuseppe Fuarrugia b'riżultat tal-mewt tiegħu.

Il-konvenuti konjuġi Attard ħassew ukoll in-neċessità—fl-eċċezzjoni numru 2 tagħhom a fol. 14 tal-proċess—li jilqgħu għall-possibbli sejba ta' ħtija f'John Attard billi jeċċepixxu li *anke jekk għal-grazzja tal-argument jirriżulta (ħaġa li qiegħda tiġi kkontestata) illi l-konvenut John Atatrd kien involut b'xi mod kif qed jallega l-attur, hija ħaġa ċerta li Rita Atatrd ma' kienet [sic] involuta b'ebda mod u manjiera [...].*

Minn dan, huwa ċar għal din il-Qorti li kien jinkombi fuq l-atturi l-oneru li jressqu prova tal-ħtija tal-konvenuti għall-mewt ta' Fortunata Spiteri. Prova li kif diġà ntqal din il-Qorti hija sodisfatta li nġabet quddiemha [**i**] fir-rigward ta' Benny Attard—tramite wkoll l-ammissjoni tiegħu stess fix-xhieda minnu mogħtija quddiem din il-Qorti; [**ii**] fir-rigward ta' John Attard—kemm mill-atti tal-proċeduri kriminali iżda anke mill-qies mogħti minn din il-Qorti stess għad-dikjarazzjonijiet magħmula minnu waqt l-interrogazzjoni tiegħu mill-pulizija u għal fatt li John Attard żvesta ruħu milli b'xi mod ixejjen l-istess quddiem din il-Qorti, u; [**iii**] fir-rigward ta' Giuseppe Farrugia stante n-nuqqas tiegħu wkoll li b'xi mod ixejjen quddiem din il-Qorti d-dikjarazzjonijiet magħmulha minnu mal-pulizija.

Din il-Qorti rat u fliet bir-reqqa l-atti kollha ta' din il-kawża. Minn dawn jirriżulta ċar u inkonfutabbli għaliha x'ġara dakinhar tal-mewt ta' Fortunata Spiteri.

Tlieta mill-erba' persuni li kienu fil-lok tar-reat—ossia Benny Attard, Marija Attard, u Giuseppe Frarugia—ilkoll jaqblu li huma lkoll flimkien ma' John Attard rikbu fl-istess vettura misjuqa minn John Attard u saqu mix-Xagħra sal-Għarb, Għawdex sa ma sabu lil Fortunata Spiteri fi Triq l-

Għarb, l-Għarb, Għawdex, b'dan kien dakinhar tal-festa ta' San Lawrenz. Jaqblu wkoll li fl-istess vettura l-intiża kienet ċara li huma kienu fi triqthom sabiex itemmu ħajjet Fortunata Spiteri tant li mix-Xagħra telqu muniti b'almenu arma waħda—stallett. Jaqblu wkoll li huma lkoll niżlu mill-vettura u li kemm John Attard kif ukoll Giuseppe Farrugia u Benny Attard ressqu lejn Fortunata Spiteri. Jaqblu ulterjorment li mentri Giuseppe Farrugia rtira qabel ma kien għadu mess lil Fortunata Spiteri, John Attard u Benny Attard messew u weġġgħu lil Fortunata Spiteri, raw lill-istess titkaxxar sal-vettura tagħha, tixgħel u ssuq l-istess sa ma ħabtet f'ċint jew *central strip* u huma telqu mill-post bl-istess vettura għal darb'oħra misjuqa minn John Attard.

Huwa biss John Attard li ta verżjoni differenti fl-istadju tal-investigazzjoni u waqt li kien qiegħed jiġi interrogat mill-pulizija.

Huwa biss jgħid li huwa kien imġiegħel imur fuq il-post tad-delitt u li huwa ma messx lil Fortunata Spiteri iżda kien biss Benny Attard li messa u weġġagħha bi ġrieħi li wasslu għall-mewt tagħha.

Il-Qorti ma ssibx li tista' temmen lil John Attard a skapitu tal-konsistenza tax-xhieda tat-tliet (3) individwi l-oħra. Dan partikolarment meta kif diġà spjegat l-istess tliet (3) individwi kienu konsistenti u koerenti fix-xhieda tagħhom, inkluż dwar l-involviment attiv ta' John Attard fl-omiċidju ta' Fortunata Spiteri, mentri John Attard ftit li xejn kien konsistenti u koerenti, deher jibdel il-verżjoni tiegħu diversi drabi, u anke jirriżulta għal din il-Qorti bħala bniedem li huwa kapaċi u propens jigdeb sabiex jiehu li jrid.

Dan jirriżulta lil din il-Qorti mill-fatt li anke fuq kwistjonijiet żgħar fl-assjem tal-kwistjoni li waslet għal din l-istanza, l-

istess John Attard jiġi skopert bħala inveritier. Ngħidu aħna, pereżempju, fejn l-ewwel darba li ġie interrogat John Attard ċaħad kategorikament li kien biss fil-post tad-delitt u anzi ta' deskrizzjoni ta' ġurnata qadi f'Malta, kien biss kważi sentejn wara, meta l-pulizija kienu tkellmu ma', u ħadu l-istqarijiet ta' Benny Attard, Marija Attard u Giuseppe Farrugia li dan nissel kliem mod ieħor u f'daqqa waħda beda ftit ftit jirrakkonta li kien mal-istess nies fil-post tad-delitt iżda sostna li kien hemm fuq biża' u theddid minn Benny Attard. Xi ħaġa li din il-Qorti tħoss li seta' qal anke meta ġie avviċinat mill-pulzija l-ewwel darba, ftit jiem biss li seħħ id-delitt, kieku dan tassew kien minnu.

Bl-istess mod, John Attard ma jgħid xejn rigward flejjes li għaddew bejnu u bejn Benny Attard jekk mhux it-tieni darba li ġie interrogat, 'il fuq minn sena wara d-delitt. F'din it-tieni interrogazzjoni tiegħu li seħħet fis-7 ta' Settembru, 2002— a fol 261 sa 507—John Attard fil-fatt jidher jiċħad għal aktar minn darba li għaddew xi flus bejnu u bejn Benny Attard sakemm fl-aħħar jikkonċedi li dawn fil-fatt għaddew, għalkemm jiċħad li għaddew bħala korrispettiv għar-reat makabru tal-qtil ta' Fortunata Spiteri.

Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti tasal għall-konvinċiment morali li John Attard, Benny Attard, u Giuseppe Farrugia, illum it-tlieta mejta, ilkoll jaħtu u huma responsabbli għall-mewt ta' Fortunata Spiteri, mart l-attur Joseph Spiteri, illum ukoll mejjet, u omm l-attur Marvic Spiteri.

Għaldaqstant dawn ilkoll iwieġbu għall-ħsara li l-atturi ġarrbu minħabba l-għemejjel tagħhom.

**Rigward id-danni, u l-likwidazzjoni tagħhom:**

Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni mitluba mill-atturi, jibda sabiex jingħad li l-liġi tipprovdi dwar il-ħsara li persuna misjuba responsabbli għall-inċident trid twieġeb għaliha fil-konfront tal-persuna mġarrba.

Dik il-ħsara tikkomprendi fiha dak it-telf effettiv ikkaġunat direttament lill-parti mġarrba—*lucrum cessans*—kif ukoll l-ispejjeż li l-parti mġarrba tkun inkorriet fir-rigward tal-istess ħsara—*damnum emergens*.

Il-liġi tipprovda wkoll li jekk minħabba l-għemil li jagħti lok għad-danni xi ħadd imut, il-Qorti tista' tassenja tali danni lill-werrieta tal-mejjet liema danni jiġu kalkolati bħala każ ta' inkapaċità totali għal dejjem.[78]

F'dan il-każ, il-Qorti għandha quddiemha atturi li qed jitolbu l-likwidazzjoni u konsġewenzjali ħlas ta' danni wara l-mewt ta' Fortunata Spiteri, li tiġi omm l-attur Marvic Spiteri u mart l-attur l-ieħor illum mejjet Joseph Spiteri.

Fortunata Spiteri kellha tmienja u erbgħin (48) sena meta nqatlet u kienet impjegata bħala gwardjana lokali. Hija nqatlet nhar l-10 ta' Awwissu, 2001.[79]

Id-dispożizzjonijiet tal-liġi li l-Qorti trid tqis f'każ bħal dan tal-lum huma dawk tal-Artikoli 1031, 1032, 1045, u 1046 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta.

Bħala kumpens, dak li qed jippretendu l-atturi mill-konvenuti huwa kemm dak imsejjaħ *lucrum cessans* kif ukoll dak imsejjaħ *damnum emergens*.

---

[78] Ref. Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap. 16, tal-Liġijiet ta' Malta.
[79] Ref. ċertifikat tal-mewt tagħha a fol. 8.

Kif diġà dedott, f'każ ta' mewt, huma jistgħu jagħmlu din it-talba bħala l-eredi tal-mejta. Dan a tenur tad-diċitura tal-Artikoli 1045 u 1046 tal-Kap. 16.

Il-Qorti f'dan il-każ trid tqies bħala inkapaċità dik totali u għal dejjem, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1046 tal-Kap. 16.

**Rigward id-damnum emergens**, l-atturi ressqu l-provi tagħhom[80] u l-Qorti ġiet provvista bi tliett (3) irċevuti:

i. Dik datata s-17 ta' Awwissu, 2001 u maħruga minn Bertu Mallia li pprovda s-servizz tad-difna ta' Fortunata Spiteri bi ħlas ta' korrispettiv ta' seba' mija u sitta u ħamsin lira Maltija (Lm 756);

ii. Dik datata t-12 ta' Settembru, 2001 u maħruga mill-Bażilika tax-Xaghra, Għawdex, għas-servizzi tal-Knisja bi ħlas ta' tletin lira Maltija (Lm 30), u;

iii. Dik datata l-1 ta' Novembru, 2001 u maħruġa mill-uffiċċju parrokjali tax-Xagħra, Għawdex għall-funeral ta' Fortunata Spiteri bi ħlas ta' sebgħa u disgħin lira Maltija (Lm97).

Il-Qorti tosserva li dawn l-irċevuti ma ġewx ikkonfermati bil-ġurament tal-persuni li ħarġuhom iżda biss b'dak tal-attur Joseph Spiteri. B'dan iżda li ħadd mill-konvenuti ma kkontesta l-validità tal-istess. Din il-Qorti sejra għalhekk tikkunsidra dawn il-valuri bħal valuri li għandhom jiġu kompriżi fil-likwidazzjoni tad-danni bħala *damnum emergens*.

Rigward l-irċevuta tas-17 ta' Awwissu, 2001 maħruġa minn Bertu Mallia, il-Qorti tosserva li għal xi raġuni minflok

[80] A fol. 589 sa fol 591 tal-proċess.

tnizzel *subtotal* u *total* fil-linji opportuni ġiet ingassata l-kelma *total* u fejnha tniżżlet iċ-ċifra ta' seba' mija u sitta u ħamsin lira Maltija (Lm756) b'dan li taħt l-istess tniżżel xi ħaġa bil-pinna li sfortunatament m'għadux leġġibbli. Oltre dan, maġenb il-kelma *VAT* tniżżlet bil-pinna kelma li tidher li hija «*exempt*». B'dan li allura, u stante nuqqas ta' dikjarazzjoni kwanlunkwe rigward dan fl-affidavit tal-attur John Spiteri li magħhom ġew mehmuża u ppreżentati l-irżevuti; din il-Qorti ser tikkunsidra l-valur ta' din l-irċevuta bħala dak ta' seba' mija u sitta u ħamsin lira Maltija (Lm756).

**Rigward il-*lucrum cessans*,** il-vittma kienet persuna li kien għadha impjegata u jirriżulta lil din il-Qorti li l-mewt tagħha seħħ b'konsegwenza diretta tal-aġir ta' kull konvenut u l-kjamat fil-kawża kif hawn aktar 'il fuq misjuba responsabbli għall-istess, b'dan huwa wkoll wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-qasam tal-likwidazzjoni ta' danni minħabba għemil traskurat jew negliġenti[81] aħseb u ara allura dwar għemil b'rieda.

Il-Qrati nostrani fissru wkoll li fejn il-vittma ta' inċident tmut, fil-kalkolu tat-telf tal-qligħ ġejjieni m'hemm stabbiliti ebda regoli fissi li fuqhom Qorti trid issejjes il-kunsiderazzjonijiet tagħha. Jeħtieġ iżda li jitħarrsu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u għalkemm il-Qorti m'għandhiex tirrifjuta li tikkalkola kumpens minħabba l-element tal-imprevedibilità, għandha tqis b'moderazzjoni l-ammont ta' kumpens tenut kont tal-element ta' konġettura li jdur mal-aspett ta' x'jista' jseħħ fil-futur.[82]

[81] Ref. Artikolu 1032 tal-Kap. 16. Ref. ukoll id-deċizjoni mogħtija nhar l-20 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet ***Gerald Bugeja vs David Gatt***.

[82] Ref. id-deċiżjoni mogħtija nhar it-22 ta' Ġunju, 1964 fl-ismijiet ***Petrie et vs Ciappara***, Kollezz. Vol.XLIII.i.364.

Fi żviluppi aktar reċenti, u b'tifsira aktar aġġornata tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1046 tal-Kap. 16, il-Qrati nostrani qiesu li meta f'każ ta' mewt l-atturi qraba tal-vittma jfittxu għall-kumpens tal-ħsara mġarrba bħala eredi tal-vittma, huma jkunu qegħdin jagħmlu dan għaliex ikunu daħlu fiż-żarbun legali tal-vittma, u mhux fuq bażi ta' dipendenza. B'dan li għalhekk jistħoqqilhom jippretendu li jirċievu dak li kien jistħoqq lill-qarib tagħhom, kif tgħid il-liġi nfisha, kieku b'dak l-inċident ma rriżultatx il-mewt iżda l-istess ġarrab ġrieħi li jkunu ħallewh għalkollox inkapaċi.[83]

Fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-18 ta' Frar, 2013 fl-ismijiet ***Emmeline Cini vs. Antione Cachia***, ġie ritenut:

> *Għalhekk il-Qorti għandha l-obbligu li teżamina t-telf ta' qligħ futur minħabba l-inkapaċità, it-telf ta' paga jew qligħ ieħor attwali li jinkorri fih id-danneġġjat; u dak it-telf ta' qligħ futur, ossia lucrum cessans, li d-danneġġjat ikun prekluż li jużufruwixxi minnu minħabba l-event sinistru kawża tal-għemil dirett tad-danneġġjant.*

Fis-sistema legali tagħna l-kwantifikazzjoni tad-danni hija dejjem fid-diskrezzjoni tal-ġudikant, u għalkemm hija regolata minn ċerti prinċipji, dawn mhumiex assoluti.

Fuq dan, fid-deċiżjoni mogħtija nhar is-27 ta' April, 2005 fl-ismijiet ***Paul Debono vs. Malta Drydocks***, ġie ritenut illi:

> *Id-determinazzjoni tal-kwantum tar-riżarċiment hi ċertament fis-sistema legali tagħna spirata mir-regola stabbilita fl-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Fir-rigward tal-lucrum cessans dan jinvolvi telf ta' qliegħ [sic] futur minħabba l-inkapaċità. Il-liġi imbagħad [sic] tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti biex, valjati ċ-*

[83] Ref. id-deċiżjoni mogħtija fl-Appell nhar it-28 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet ***Anthony Turner et vs Francis Agius et*** u dik mogħtija nhar id-29 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet ***Carmela Attard et vs Stephen Micallef***.

*ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti danneġġjata tistabbilixxi s-somma riżarċitorja. Innegabilment, però, il-metodu ta' din il-valutazzjoni tad-dannu lill[-]persuna minn dejjem ikkostitwiet il-problema l-aktar spinuża, kif hekk jirriżulta minn sempliċi raffront tad-diversi deċiżjonijiet in materja.*

B'dan allura li fid-deċiżjoni mogħtija nhar il-25 ta' Frar, 2016 fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs. Joseph Bonello***, il-Qorti stabbiliet is-segwenti prinċipji li għandhom jirregolaw il-ħsieb tal-ġudikant meta jiġi biex jillikwida d-danni li għandhom jitħallsu f'ċirkostanzi simili bħal ta' dan il-każ:

*Illi tali regoli ġew supplimentati u interpretati bil-prinċipji stabbiliti fil-kawża ewlenija 'Michael Butler vs Peter Christopher Heard' (Appell, 22.12.1967), li tat l-oriġini għall-hekk imsejħa multiplier system, li però ġiet aġġustata għaż-żminijiet riċenti peress li, kif intqal fil-kawża 'Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et', (Appell, 16.11.1983) 'iċ-ċirkostanzi tal-ħajja anke fil-gżira tagħna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qegħdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn dawk li kienu jsiru għaxar snin jew għoxrin sena ilu.' Għalhekk, il-Qrati tagħna rritenew li għandhom id-diskrezzjoni li jkunu aktar flessibbli o meno rigorużi fl-applikażzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'Butler vs Heard. Hekk ġie ritenut li għandhom jużaw 'l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi – 'Savona vs Asphar', Appell, 23.06.1952); u li 'għandu jintuża bħala bażi wkoll f'dan il-każ bid-differenza li n-numru ta' snin għandu jittieħed għas-snin kollha tal-ħajja lavorattiva tal-korrut' (Emmanuel Mizzi vs Carmel Attard, 13.05.2003), u li 'dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċità ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilità. Inoltre d-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, meta tingħata b'sentenza mhijiex aktar soġġetta*

> *għal ebda reviżjoni. Għalhekk, din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-realtà' (Francis Sultana vs John Micallef et noe et, Appell, 20.07.1994).*

L-element tal-*multiplier* huwa element diskrezzjonali li jagħti lok għal diverġenzi fl-iffissar tal-kumpens dovut f'każijiet ta' din ix-xorta.

Fid-deċizjoni mogħtija nhar il-5 ta' Marzu, 1986 fl-ismijiet ***Paul Vassallo et noe vs. Carmelo Pace***, dwar il-*multiplier* intqal:

> *In-numru ta' snin adottat bħala multiplier m'għandux ikun ibbażat fuq laspettattiva tal-ħajja in ġenerali tad-danneġġjat iżda fuq l-aspettattiva tal-ħajja lavorattiva tiegħu u għalhekk jittieħdu in kunsiderazzjoni ċ-chances and changes of life. ... Minbarra dan il-bixra ta' ħsieb wara sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi. Waħda minn dawn l-iżviluppi hija fil-massimu tal-multiplier, fejn għal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbeż l-għoxrin (20). Għar-raġunijiet li l-Qorti għandha tfittex qabel kull ħaġa oħra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun ġarrab ħsara, u li terġa' tqiegħed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kien qabel l-inċident. Illum huwa aċċettat u approvat mill-ogħla Qrati tagħna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-età tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.*

Applikati dawn il-prinċipji tad-dottrina u l-ġurisprudenza, jingħad li l-qisien tal-kumpens għandhom isiru skont il-kundizzjonijiet prevalenti dakinhar li seħħ l-inċident. Oltre dan, minħabba li l-kumpens ikun ta' somma likwidata li l-ħlas tagħha jista' jintalab malli tiġi likwidata, għandu jsir tnaqqis li jagħmel tajjeb għall-fatt li d-dħul ikun ser iseħħ

qabel ma kien ikun il-każ kieku mhux għall-inċident li wassal għal dak li ġara.

Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tat-telf għall-ġejjieni, hemm żewġ (2) fatturi ewlenin: l-età tal-vittma dakinhar li seħħ l-inċident u l-qligħ li kellha mill-impjieg tagħha.

Mill-età tal-vittma l-Qorti tista' tikkalkola s-snin li kien fadlilha fl-impjieg kieku din baqgħet magħna; il-*multiplier*.

Dwar il-*multiplier*, il-Qorti tħoss li huwa xieraq li tagħmel referenza għal dak li jgħallem l-awtur Thomas Saunt:

> *The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased* [...] *There must also be a discount for the uncertainties of life* [...] *Discount must also be made for the fact that the dependents will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death.*[84]

Jingħad ulterjorment li fis-snin riċenti l-Qrati tagħna adottaw linja gwida dwar kemm għandu jkun il-*multiplier* massimu tenut kont l-età tal-individwu.

Magħdud dan, jiġi osservat li ħadd mill-partijiet ma ressaq sottomissjonijiet dwar l-aspett tal-likwidazzjoni tad-danni—għajr kif ser jingħad hawn aktar 'l isfel f'din id-deċiżjoni—bil-partijiet illimitaw irwieħhom għall-kwistjoni tar-responsabbilità għajr ukoll għat-talba attriċi għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni *lucrum cessans* u *damnum emergens* kif diġà ntqal.

[84] *Damages for Personal Injury and Death*, tielet edizzjoni, 1986, paġna 53.

Għaldaqstant, il-Qorti sejra tħaddem ir-regoli mħaddma mill-Qrati nostrani solitament u tapplikahom għaċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ.

Għalhekk, meta wieħed iqis l-età tal-mibkija Fortunata Spiteri fil-jum tal-mewt tagħha— tmienja u erbgħin (48) sena—joħroġ xieraq li għandu jintuża *multiplier* ta' tnax(12)-il sena.[85]

Id-dħul tal-vittma Fortunata Spiteri ġie kkonfermat bil-ġurament minn rappreżentant tad-datur tal-impjieg tagħha—Alexia Farrugia, *payroll clerk* mas-soċjetà *Guard and Warden Service House*, a fol. 632 u 633 tal-proċess, li kkonfermat li Fortunata Spiteri kienet impjegata magħhom u li d-dikjarazzjoni a fol. 599 u għal darb'oħra a fol. 635 tal-proċess hija FS3 li nħarġet minnhom u tkopri s-sena 2000.

Dan id-dokument—FS3—juri dħul ta' elfejn disa' mija u erbgħa u tmenin lira Maltija (Lm2,984) perċepit fis-sena 2000 minn Fortunata Spiteri liema dħul ma ġiex kontradett mill-konvenuti jew il-kjamat fil-kawża.

Il-Qorti tosserva li l-atturi intavolaw quddiemha tramite x-xhud Carmel Chircop, rappreżentant ieħor tal-*Guard and Warden Service House Limited*, ftehim kollettiv għas-snin 2005 sa 2009—a fol. 173 sa 195 tal-proċess, u ieħor għas-snin 2011 sa 2016—a fol. 196 sa 225 tal-proċess.

Dawn id-dokumenti juru awmenti fil-paga li kienet tipperċepixxi Fortunata Spiteri kieku baqgħet impjegata bħala gwardjana lokali tul is-snin—tnax(12)-il sena—li l-Qorti qiegħda tqis bħala *multiplier*. Dan kif isegwi:

[85] Ref. *inter alia*, id-deċiżjoni mogħtija nhar is-27 ta' Frar, 2014 fl-ismijiet ***Marisa Higgins et vs Paul Bonnici et***, Rik. Ġur. Nru 1027/2000/1.

- Awwissu 2001 sa Diċembru 2001: Lm2,984 /12 = 248.67 x 4 xhur = Lm994.67;
- Sena 2002: Lm2,984;
- Sena 2003: Lm2,984;
- Sena 2004: Lm2,984;
- Sena 2005: Lm4,160;
- Sena 2006: Lm4,340;
- Sena 2007: Lm4,500;
- Sena 2008: Lm4,650;
- Sena 2009: Lm4,800;
- Sena 2010: Lm4,800;
- Sena 2011: €11,200;
- Sena 2012: €11,450;
- Sena 2013: €11,700.

Għas-snin 2011, 2012, u 2013 il-Qorti qed tikkunsidra dħul ta' gwardjan ta' livell għola stante li hawn Fortunata Spiteri kienet tkun ilha gwardjana għal 'l fuq minn għaxar (10) snin.

Il-Qorti tosserva li skont l-istess kopja ta' kull ftehim kollettiv il-pagi kuntrattati jinkludu ż-żidiet li għalihom kienet tkun intitolata Fortunata Spiteri b'dan li allura m'għandu jsir ebda aġġustament rigward l-għoli tal-ħajja bil-paga totali li kellha tkun perċepiti minn Fortunata Spiteri fil-medda ta' snin li l-Qorti qiegħda tqis bħala l-bażi tal-*multiplier* kienet allura tkun fis-somma ta' sebgħa u tletin elf mija u sitta u disgħin lira Maltija u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm37,196.67ċ) ekwivalenti għal €86,668.24 + €34,350 = €121,018.24.

F'dan il-każ, il-Qorti tosserva li ma nġabux provi dwar id-dipendenza ta' żewġ u iben Fortunata Spiteri fuqha. F'każ bħal dan, u fid-dawl tal-ħsieb kostanti fid-deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani—stante li fuq dan m'hemm xejn espress fil-liġi nostrana iżda huwa prinċipju li żviluppa u jiġi applikat

kostantement fil-ġurisprudenza nostrana[86]—il-Qorti sejra tapplika t-tnaqqis li kien ikun riżultanti mill-konsum li kienet tagħmel Fortunata Spiteri mid-dħul tagħha stess kieku baqgħet ħajja. Dan jingħad ukoll minħabba l-kriterju legali li jrid li l-għoti ta' kumpens riżultanti minn dannu bħal dan li ġarrbu l-atturi f'din l-istanza m'huwiex wieħed mogħti bħala 'tpattija' lill-parti ħatja iżda bħala radd lura lill-parti mġarrba ta' dak li kien jibqa' disponibbli lilhom kieku ma rrizultax il-mewt ta' Fortunata Spiteri.[87]

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tagħmel tnaqqis ta' ħamsin fil-mija (50%) mis-somma sħiħa likwidata u dan bħala tnaqqis fil-kejl ta' konsum.

Dwar tnaqqis minħabba l-fatt li d-danni sejrin jitħallsu permezz ta' pagament ta' darba, fid-deċiżjoni mogħtija nhar it-2 ta' Ġunju, 2005 fl-ismijiet ***Jos Agius vs. All Services Ltd*** ġie ritenut:

> *F'każijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis ieħor ta' 20% għall-fatt li jkun ser ikun hemm ħlas f'daqqa (lump sum payment) lill-benefiċjarji. Jekk id-deċiżjoni, però, tkun ser tingħata wara tul ta' ċertu żmien, hi l-prattika li l-persentaġġ ta' tnaqqis jonqos, u hi konsewetudini tal-Qrati, li jekk kawża ddum aktar minn sentejn il-persentaġġ jonqos b'żewġ punti għal kull sena oħra li l-kawża ddum biex tiġi deċiża.*

F'dan il-każ, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tagħmel tnaqqis minħabba li s-somma sejra titħallas f'daqqa u dan

---

[86] Ref. id-deċiżjoni tal-Appell mogħtija nhar is-26 ta' Marzu, 2010 fl-ismijiet ***Carmela armla Cassar et vs il-Prim Minsitru ta' malta et*** għal eżami mirqum tal-kriterji mħaddna.

[87] Ref. id-deċiżjoni tal-appell mogħtija nhar is-27 ta' Lulju, 2007 fl-ismijiet ***Francesco Sultana et vs Francis Xavier Grech et***.

tenut kont taż-żmien li għadda sabiex il-kawża waslet fi tmeimha.

**Jibqa' mbagħad il-kwistjoni tad-danni morali u psikoliġiċi**.

Din tqajmet mill-attur Marvic Spiteri fi stadju tardiv tal-proċeduri b'rikors tat-23 ta' Frar, 2021 a fol. 791 *et seq* tal-proċess fejn il-Qorti ntalbet tagħmel referenza Kostituzzjonali dwar id-dispożizzjoni tal-provvediment għas-subinċiż (1) tal-Artikolu 1045 tal-Kodici Civili liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti. Tqajmet ukoll ulterjorment fl-istadju tat-trattazzjoni finali tal-kawża.

Qabel dan, ir-rikors promotur tal-atturi kien jikkontempla biss il-likwidazzjoni ta' danni *sewwa materjali kif ukoll fi kwalità ta' lukrum cessans u telf ta' qliegħ* [sic]—talba numru wieħed (1) a fol. 1 *retro pagina* tal-proċess.

Il-provvediment għas-subinċiż (1) tal-Artikolu 1045 jaqra kif isegwi:

> **1045.** *(1) […]*
> *Iżda fil-każ ta' danni li jkunu kawżati minn reat kriminali, li ma jkunx reat involontarju, u biss fil-każ ta' delitti li jaffettwaw id-dinjità tal-persuni taħt it-Titolu VII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ta' delitti volontarji kontra l-persuna li jkunu soġġetti għal piena ta' mill-inqas tliet snin priġunerija taħt it-Titolu VIII tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-istess Kodiċi, sal-limitu massimu ta' għaxart elef euro (€10,000) jew sa dak il-limitu massimu kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' b'regolamenti jistabbilixxi kemm dwar l-ammont massimu kif ukoll dwar kif jiġi komputat*

*skont il-każ, id-dannu li jrid jiġi riparat għandu jinkludi wkoll il-ħsara morali u, jew psikoloġika kkawżati li-rikorrent.*

Kif ġie sewwa osservat mill-konvenuta Rita Attard fir-risposta tagħha għar-rikors tal-attur Marvic Spiteri tat-23 ta' Frar, 2021—risposta a fol. 795 *et se*q tal-proċess—dan il-provvediment daħal fis-seħħ permezz tal-Att XIII tal-2018 u għaldaqstant diversi snin wara li seħħ ir-reat li wassal għall-mewt ta' Fortunata Spiteri fl-2001.

Dwar dan, il-Qorti tiċċita mid-deċiżjoni mogħtija nhar it-12 ta' Jannar, 2021 fl-ismijiet ***Joanna Hili vs John Martin u Derek Lee D'Amato***[88] fejn il-Qorti rriteniet:

*Il-konvenut John Martin eċċepixxa li l-attriċi ma tistax titlob kumpens għal danni psikoloġiċi. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu sostna, l-istess bħall-konvenut D'Amato, li l-Art. 1045 Kod. Ċiv. dwar danni morali kkawżati minn reat kriminali li ma jkunx involontarju daħal fis-seħħ wara l-inċident.*

*Il-Qorti taqbel li l-Art. 1045 Kod. Ċiv. ġie ppromulgat wara li seħħ l-inċident u għalhekk ma japplikax għalih għaliex m'għandhiex effett retroattiv.*

Il-Qorti tikkondividi dan il-ħsieb u tqies għalhekk li l-istess proviżjoni tas-subinċiż 1 tal-Artikolu 1045 m'għandhiex applikazzjoni fil-każ odjern.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha, il-Qorti qiegħda tillikwida d-danni li jmisshom jitħallsu lill-attur kurrenti Marvic Spiteri bħala:

[88] Rik. Ġur. Nru 373/2008.

- €60,509.12[89] bħala telf minn qligħ li kienet tipperċepixxi ommu Fortunata Spiteri kieku din baqgħet hajja—*lucrum cessans*, u;
- €2,057.39[90] bħala *damnum emergens*.

Dan għal total kumplessiv ta' tnejn u sittin elf ħames mija u sitta u sittin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,566.51ċ).

**DECIDE:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

**Tilqa'** t-tielet (3) eċċezzjoni tal-konvenuti John u Rita konjuġi Attard billi hija mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u tiċħad għalhekk it-talbiet atturi sa fejn dawn jirrigwardaw lill-istess konvenuta Rita Attard fil-vesti personali tagħha, mhux ukoll bħala aventi kawża ta' żewġha John Attard;

**Tilqa'** l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti John Attard, u Giuseppe Farrugia kif ukoll lill-kjamat fil-kawża Bernard sive Benny Attard bħala responsabbli għall-mewt ta' Fortunata Spiteri u għaldaqstant tiddikjara lill-aventi kawża tagħhom kif il-ġudizzju ġie trasfuż fihom responsabbli *in solidum* bejniethom għall-ħlas tad-danni kif ser jiġu likwidati hawn aktar 'l isfel;

**Tillikwida** d-danni dovuti lill-attur Marvic Spiteri mill-konvenuti kif issa l-ġudizzju huwa trasfuż f'isimhom ossia Rita Attard u Marija Attard kif ukoll l-eredità ġjacenti ta'

[89] Lm37,196.67 ekwivalenti għal €86,668.24 + €34,350 = €121,018.24 b'nuqqas ta' 50% kejl ta' konsum.

[90] Spejjeż relatati mal-funeral ta' Fortunata Spiteri ossia: l-ekwivalenti f'ewro ta' Lm756, Lm30, u Lm97.

Bernard sive Benny Attard fil-valur ta' tnejn u sittin elf ħames mija u sitta u sittin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,566.51ċ);

**Tikkundanna** lill-istess konvenuti kif issa l-ġudizzju huwa trasfuż f'isimhom *in solidum* sabiex fi żmien xahar mil-lum iħallsu lill-attur Marvic Spiteri s-somma hekk likwidata fil-valur ta' tnejn u sittin elf ħames mija u sitta u sittin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€62,566.51ċ).

Bl-imgħaxijiet skont il-liġi mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandati ta' sekwetsru numru 157/02PC u ta' inibizzjoni numru 53/2002 fl-ismijiet premessi a karigu tal-konvenuti għajr għal dawk relatati mal-konvenuta Rita Attard proprju li jitħallsu mill-attur Marvic Spiteri.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur